# IL-PULIZIJA

VAUXHALL

Merseyside Police & Vauxhall Motors present

# POLICE VEHICLES OF THE WORLD




This series has been funded by the Merseyside Police Authority and supported by Vauxhall Motors Ltd.

MERSEYSIDE POLICE

Vol. 8 Nru.8
Ħarġa Jannar/Frar

Credit where credit's due.



Choosing BOV's direct credit system gives you more time to make those other important decisions. Bank BOV.

Bank of Valletta

*Malta's Leading Bank*

# IL-PULIZIJA

IL-MAGAZINE TIEGHEK

## F'DIN IL-ĦARĠA JANNAR/FRAR 1994



6 Entertainment & Sports



15 Hobbies



30 Merseyside Publications on Police Vehicles

3 Editorjal
5 M.P.A.
11 Administrative Law Enforcement
13 Fl-interess Tiegħek
22 Pulizija Pensjonanti
25 Police on the Beat - Part 4
27 Għaliex persuna tieħu d-drogi?
29 Thefts in hotels and their security
31 Bieb il-Belt tal-Birgu
37 Riots ot the 7th and 8th June
38 Itfagħla Sold
40 Kif tixtri u tbih fuq l-istokk exchange
42 Paġna Sportiva
45 Football gvern u parastatali
46 I left Malta a poor Christian...
47 Bodymapping




Cover: Police Vehicles of the World
Photo: By courtesy of Merseyside Police Dept.
Volume 8 Numru 8

# IT'S A WONDERFUL LIFE.










**... The Comprehensive Life Insurance Policy.**

**Middle Sea Insurance Co Ltd**

A Maltese Company With An International Reputation

*... Depend on it.*

Head Office : Middle Sea House, Floriana VLT 16, MALTA.
Tel : 246262 - Fax : 248195.

London Branch : Fountain House, 130, Fenchurch Street, London EC3P3BD U.K.
Tel : 071 220 7315/6 - Fax : 071 220 7421.

# IL-PULIZIJA
IL-MAGAZINE TIEGHEK

President: Ps 59 D. Saliba
Editur: Supt. A. Farrugia
Membri Bord Editorjali:
WPS 21 J. Scerri
PS 1229 J. Petroni
PS 1030 I. Portelli
PC 512 M. Ellul

Volume 8 No. 8
Maħruġ mill-Pulizija
Stampat: Vogue Offset Printers - Qormi

Kull korrispondenza għandha tkun ittajpjata u għandha tintbagħat lill-Editur:
Il-Pulizija
Police Library, Police Headquarters,
Floriana CMR 02.

Abbonamenti għall-Pulizija għandhom isiru fl-Indirizz imsemmi għall-prezz ta' żewġ liri Maltin fis-sena, u tirċievi il-magazine id-dar bil-posta.



Il-materjal li jiġi ppublikat f'dan il-magazine mhux bilfors jirrifletti l-opinjoni tal-Bord Editorjali.

IL-PULIZIJA
tirringrazzja lid-ditti u aġenti tar-reklami li għoġobhom jagħtuna u nħeġġu lil qarrejja biex jagħmlu użu minnhom.


# EDITORJAL

## *L-Investigazzjoni u l-parteċipazzjoni*

Mingħajr l-informazzjoni, hija diffiċli ferm, jekk mhux impossibli li tinvestiga każ sew. Bla dubju, l-iżvilupp tal-kultura tal-koperazzjoni bejn il-pulizija u l-pubbliku trid tibqa tiġi żviluppata, bħal ma diġa bdejna, billi qegħdin nintroduċu b'mod volontarju l-kunċett tan-Neighbourhood Watch. Imma, fl-istess ħin, l-koperazzjoni ta' bejnietna l-pulizija, trid tkun waħda solidali għall-aħħar. Jien personali ma nara l-ebda differenza ta' xejn bejn il-pulizija li jinvestiga biss u allura stazzjonat f'xi waħda mit-taqsimiet tas-C.I.D. u l-puluzija bl-uniformi li wkoll jkollu x'jaqsam ftit jew wisq ma xi investigazzjoni. Allura meta wieħed jew l-ieħor flimkien jinvestigaw xi reat, it-tnejn FLIMKIEN għandhom ikollhom is-sodisfazzjon meta jsolvuh, li jressqu lill-imputat jew imputati flimkien quddiem il-qorti. Hija kerha u kontra kull etika, li wieħed jew l-ieħor jaqla lill xi ħadd l-barra biex jidher hu. Anke tinħass biss hija diġa kerha, aħseb u ara!!

Ma nara xejn ħażin wisq aktar li każ li l-informazzjoni dwaru ġiet mill-pubbliku għal għand id-distrett u l-każ jiġi u jitkompla bil-parteċipazzjoni tal-pulizija investigattiva. Iktar parteċipazzjoni serja, iktar sa jkun hemm riżultati. Imma naraha imbagħad ferm negattiv li wara dan kollu xi ħadd avventuruż hu min hu, jagħmel xi gambetta lill-sieħbu/kollega biex jidher aktar. Id-dehra tagħna, hija il-Korp kollu u mhux parti, mela, ejjew nifhmu lil xulxin aħjar, ngħidu grazzi tal-koperazzjoni tal-pubbliku, aktar parteċipazzjoni bejnietna fl-investigazzjoni, imma nżommu wkoll bejnietna l-irġulija bejn is-sħab, biex b'hekk inżommu l-moral għoli ta' kull membru fil-Korp mingħajr ebda distinzjoni.

Supt. Dr. Angelo Farrugia LL.D.
The Editor

WHATEVER THE SETTING,
WE'RE ALWAYS JUSTIFIED;

WHATEVER THE PRINTING,
WE'RE ALWAYS BEST IN
THE LONG RUN;

WHATEVER THE BINDING,
WE'RE ALWAYS PERFECT;

WHATEVER THE JOB,
VOGUE OFFSET PRINTERS.

vogue

VOGUE OFFSET PRINTERS
A DIVISION OF VOGUE LABELS LTD

314, MDINA ROAD, QORMI, MALTA. - TEL: 498878, 487150. - FAX: 493337

# MALTA POLICE ASSOCIATION

## IS-SEGRETARJU JIRRISPONDI

mis-Segretarju PS 59 David Saliba

Fil-ħarġa li għaddiet, sew sew f'dik ta' Diċembru 1993, membru tal-Korp tal-Pulizija stess għoġbu jagħmel xi riflessjonijiet/kritika kostruttiva u xtaq xi tweġibiet. L-ewwel nett nixtieq u nieħu gost ħafna nara li qed ikun hemm rispons tajjeb għall-magazine u hija xi ħaġa li l-Assoċazzjoni tinkoraggixxi. Nitlob li aktar qarrejja jipparteċipaw aktar billi jiktbu u juru l-fehma tagħhom. Il-magazine huwa l-uniku leħen uffiċċjali li għandha l-pulizija.

Nixtieq nibda biex nirrispondi t-tieni mistoqsija tal-ħabib tiegħi Martin Pace meta staqsa jekk kontx preżenti għall kull laqgħa li kellha l-assoċjazzjoni, fir-rigward tar-riforma li tħabbret.

Bħal ma jaf kulħadd, it-taħdidiet mal-awtoritajiet damu għaddejjin diversi snin, sa kemm finalment tħabbret ir-riforma. Matul dawn is-snin, inbidlu diversi kumitati u jien inzertajt qiegħed f'din l-assoċjazzjoni meta din tħabbret. Ngħid ukoll li jien attendejt għal kull laqgħa li minn żmien għal żmien ġiet organizzata speċjalment fiż-żmien meta jiena kont segretarju u kemm fis-snin ta' qabel meta kont għadni membru. Kien l-abbli president li matul is-snin baqgħa l-istess u matul dawn is-snin kollha. Dwar it-tieni mistoqsija, Martin Pace staqsa għaliex domt xagħrejn sabiex finalment nipp blika partijiet żgħar mir-riforma. Huwa minnhu li domt, pero dan huwa devot għall-fatt li l-magazine jiġi stampat kważi kull xagħrejn u meta tħabbret ir-riforma kienet għada kemm ġiet ippubblikata l-edizzjoni Numru 5 u kellna nistennew l-edizzjoni ta' wara biex nippubblikaw it-tagħrif. L-Assoċjazzjoni ma għandha xejn x'taqsam mal-pubblikazzjoni tal-magazine. Il-magazine għandu Board awtonomu u għall min ma jafx l-assoċċjazzjoni għandha paġna waħda biss u żgur li ma tistax tippubblika l-materjal kollu fiha. Kien għall hekk ukoll li ftit taż-żmien wara li tħabbret ir-riforma nħarġet ċirkolari għal-pulizija kollha biex tispjega, alavolja nħarġet bl-Ingliż u x'aktarx li ħawdet bosta mħuh.

### L-ELEZZJONIJIET FIL-KORP

Fil-ġimgħat li għaddew, inħarġet iċ-ċirkulari biex il-membri tal-Korp jiġu avżati li waslu l-elezzjonijiet għad-diversi ħatriet tal-Assoċazzjoni, kif ukoll ħatriet f'bordijiet differenti, fosthom hemm il-kumitat ta' l-isports, Welfare, il-Bord tal-Magazine, etċ. F'dawn l-elezzjonijiet nisperaw li naraw uċuħ ġodda u żgħar b'ħeġġa u dinamiżmu jofru servizz tagħhom għall-ġid ta' kulħadd. Hemm bżonn li nbiddlu din il-mentalita' li kulħadd jistenna l-bajtra taqa' f'ħalqu u li jagħmel ħaddieħor għalih, imbagħad wara kollox jispiċċa jikkritika anke dak it-tajjeb li jkun sar.




## Il-Party tat-Tfal

Bħall snin oħra l-Kumitati ta' l-Entertainment u ta' l-isports tal-Korp organizzaw diversi attivitajiet soċjali u sportivi għall-membri tiegħu.

Il-Kumitat ta' l-Entertainment organizza diversi attivitajiet fosthom il-party tat-Tfal li sar fil-21 ta' Diċembru, 1993 ġewwa l-Holywood Hall fil-Ħamrun. Għal dan il-party attendew madwar 600 tifel u tifla ta' bejn il-5 u 12 il-sena mid-982 li kienu eleġibli. Madwar 500 tifel u tifla ta' eta minn 2 sa 4 snin ġabru r-rigali tagħhom mil-Kwartieri tal-Pulizija.



*Annalise Ellul u Christmas Girls waqt il-party tat-tfal.*



*Il-Kummissarju tal-Pulizija jippreżenta r-rigali lil waħda mit-tfal li attendew għall-party.*

## Il-Ballu tal-Pulizija

Attivita' oħra għall dawn iż-żminijiet kienet il-Ballu tradizzjonali tal-Pulizija li sar nhar il-Ħadd 26 ta' Diċembru 1993. Madwar 350 ruħ attendew ġewwa l-Ballroom tal-Phoenicia Hotel fejn żifnu għall-mużika provduta minn Paul Giodemaina u Two Tone Disco.



*Paul Giordemaina u l-group tiegħu waqt il-Ballu*



*Il-Kummissarju s-Sur G. Grech flimkien ma' xi membri tal-Korp waqt il-Ballu tal-Pulizija.*

## Dinner Dance tal-Jerma Palace Hotel

L-aħħar attivita' saret fis-26 ta' Diċembru, 1993 fejn sar Dinner Dance għall-membri tal-Korp u familjari tagħhom, ġewwa l-Jerma Palace Hotel. Madwar 320 ruħ attendew u imlew is-sala ta' l-ikel li għal darba oħra dan id-Dinner kien suċċess.

## Sports

## Sparatura fuq il-Plattini

Il-Kumitat sportiv ukoll ħa ħsieb jorganizza xi attivitajiet għall membri tal-Korp.

Fost oħrajn kien hemm sparatura fuq il-plattini li saret nhar il-ħadd 19 ta' Diċembru, 1993. 38 kompetitur ħadu sehem u intrebħet mill-ispettur P. Calleja. Fit-tieni post ġew Pc 1318 L. Buttigieg u fit-tielet ġie PC 512 M. Ellul. Ta' min wieħed isemmi li din kienet it-tielet sparatura organizzata għal din is-sena u ġiet sponsorjata mill-Vogue Printers ta' Ħal-Qormi li għan-nom ta' kulħadd nirringrazzjawhom.

# J. DESIRA WOODWORKS LTD











JDW

J. DESIIRA WOODWORKS



*We'll give you a Professional Job!*

*FACTORY & OFFICE:*

**J. DESIRA WOODWORKS LTD.**

St. Clement Bastion,
Verdala - Cospicua
Tel: 829758
Fax: 897604













Sole agents & distributors:
CAPT. A. CARUANA LTD.
Republic Street, Valletta. Tel: 246202, 245903


• 100% malt beer
• 40% less calories
• more nutritional value
• same taste...
yet...alcohol free.
JAZZ BEER
JAZZ
JAZZ
NON ALCOHOLIC
BEER • BIRRA
Right for anyone, anytime, anywhere.
Malta's First Non Alcoholic Local Beer
Another quality product from the Löwenbräu Brewery.




75 cl 43% Vol.

# Settle for nothing less

Drinkers of J&B Rare, the world's most distinctive Scotch Whisky, know instinctively to settle for nothing less. A glance at our label will show you, whilst other whiskies in Malta now come in 70cl bottles at 40% volume, J&B remains in its 75cl bottle at its original 43% strength. If you run a bar or restaurant, you too should settle for nothing less.

# ADMINISTRATIVE LAW ENFORCEMENT

Kitba ta' PC 24 Martin Pace

Minn mindu twaqqfet l-A.L.E. fl-aħħar tal-1990 din b'sens ta' responsabilta, bdiet taħdem serjament fuq liġijiet, li kienu daqsxejn rieqda u li partikolarment jirrigwardaw 'l-ambjent'. L-iskop ta' din it-taqsima hu l-infurzar tal-liġijiet, l-ħarsien tal-ambjent ta' madwarna, l-protezzjoni ta' speċi ta' agħsafar, rettili, flora u fawna ta' dawn il-gżejjer li ħafna minnhom huma fil-periklu li jintilfu għal dejjem jekk ma jiegux imħarsa.

Din it-taqsima hija magħrufa bħala 'L-Pulizija tal-Ambjent'. Għalkemm nistgħu ngħidu li mis-sena l-isfel dak kollu li jiġri b'xi mod jew ieħor jaffettwa l-ambjent tagħna lkoll, pero' diversi oqsma oħra fejn din it-taqsima, firxett ħidmietha minn żmien għall-ieħor, fost dan ta' min isemmi:

## KAĊĊA U NSIB

1. L-ewwel xogħol li daħlet għalih l-A.L.E. kien il-ħarsien u l-osservanza tar-regolarment tal-1980 dwar il-protezzjoni tal-għasafar u tal-fniek selvaġġ. Avviż legali No. 68/1980. Dan l-avviż legali jgħid li;

a. ebda persuna ma għandha tmur għall-kaċċa u nsib mingħajr il-liċenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija,
b. protezzjoni tal-għasafar,
c. projbizzjoni ta' sparar minn diversi postijiet fosthom mix-xtut tal-baħar,
d. sparar minn fuq vetturi bil-mutur (projbit),
e. ġarr ta' liċenzja (obbligatorju),
f. projbizzjoni ta' ġarr ta' armi li jkunu ikkargati,
g. regolamenti dwar l-insib tal-għasafar,
h. protezzjoni ta' bejtiet tal-għasafar,
i. għemil kiefer fuq għasafar u projbizzjoni qbid (teħid) ta' għasafar bl-użu ta' dawl artifiċjali u "mist-net", etc.
j. liċenzji għal tassidermija (balzmar),
k. ċomb ipprojbit,
l. 'patrolling' ta' santwarji riservati bħall-ġonna tal-Buskett u l-Palazz ta' Verdala, Manoel Island, l-Għadira, is-Simar, Kennedy Grove fis-Salini etc.

Ġew imressqa diversi persuni quddiem il-Qorti għal ksur ta' dawn ir-regolamenti. Kwantita ta' armi, apparat tal-insib u għasafar ġew kkonfiskati mill-pulizija. Ta' min ifakkar illi mill-1 ta' Jannar 1994 bdew iseħħu regolamenti ġodda dwar kaċċa u nsib.

## TRAKKIJIET MIKXUFA

Waħda mir-regolamenti tat-traffiku No. 113 tal-M.V.R. fl-imsemmi sezzjoni 18 (1) (a) Kap 10 tesiġi li meta jkun hemm materjal li jkun qiegħed jinġarr fuq vetturi kbar (bħal trukkijiet) dawn għandhom ikun marbuta u mogħttija sewwa b'mod li ma jistax jaqa' materjal minnhom fit-triq.

Saru u għadhom isiru diversi rondi biex jinqata dan l-abbuż, tressqu diversi każi mas-'seduta tat-traffiku' u tista' tgħid li l-Maġistrat sedenti dejjem kien sever ma dawk li naqqsu li josservaw dawn ir-regolamenti. Il-frott ta' din il-ħidma ħi-li llum, ftit, għadek issib nies irresponsabbli, li ma jagħttux il-vetturi tagħhom.

## TFIEĦ TA' ĦMIEĠ/SKART

Aspetti ieħor importanti, din is-sezzjoni issib kultant xogħol iebes x'tagħmel, mhux minħabba n-natura tax-xogħol tagħha, imma minħabba n-nuqqas ta' koperazzjoni tal-pubbliku u l-ammont ta' ħin li trid biex tipprova taqbad lil xi ħadd jeħles mill-iskart (ħmieġ/żibel) tiegħu, u jarmi barra fejn ġie ġie! Jekk iddur dawra ma' Malta bħal f'xi xagħri, widien u toroq għadek sikwiet issib gzuz ta' skart u ħmieġ li l-poplu jarmi barra minn daħru!

Dan, barra milli jkerraħ l-ambjent tagħna, jista' jkun ukoll kawża ta' mard serju kemm lis-saħħa tal-bniedem u kemm fost l-annimali. Dan wasal biex jiżdied il-"patrolling" f'dawk l-inħawi l-aktar vulnerabbli għal dan l-abbuż. Għalkemm jista' jingħid bla tlaqliq ta' xejn li l-ġlieda kontra dan l-abbuż hija iebsa pero' xi ftit suċċessi u progress din is-sezzjoni u irnexxielha twettaq. Ta' min isemmi li l-ksur ta' uħud minn dawn ir-regolamenti (Kap. 206) Add dwar iż-żibel u skart fost ħwejjeġ oħra jitlob konfiska tal-vettura li biha jkun sar ir-reat, jiġi wkoll imponuti multi, u barra minn hekk il-prosekuzzjoni titlob is-sospenzjoni tal-liċenzja tas-sewqan.

## ĠBIR ILLEGALI TA' SWILL

Problema oħra li għandha x'taqsam u li fuqha ktibna aktar il-fuq huwa l-ġbir din id-darba, ta' skart ta' ikel (swill) minn diversi postijiet li jservu l-ikel, minn persuni li m'għandhomx liċenzi għal dan ix-xogħol. Fost id-diversi kundizzjonijiet biex wieħed imexxi lukandi, "guest houses" u ristoranti, hemm li l-ġbir tal-iskart irid isir minn kuntrattur privat u ma jistax isir użu minn "scammel" li jipprovdi d-dipartiment tas-saħħa għall-ġbir ta' skart domestiku.

Kienu diversi nies li tressqu l-Qorti kemm sidien tal-istabilimenti, kif ukoll individwi privati li jiġbru l-iswill. Dan l-Avviż Legali 125/1993 regolamenti fuq Kontroll ta' swill jipprovdi pieni ħorox fosthom il-konfiska tal-vettura kif ukoll multi bejn Lm250 u Lm1,000. Dan l-abbuż nistgħu li jwassal għal abbuż ieħor aktar gravi li huwa dan li ġej;

## TROBBIJA ILLEGALI TA' MAJJALI

It-trobbija illegali tal-majjali (A.L. 86/1980 Ordinanza dwar it-tħaris tal-mard Kapitolu 36). Wara investigazzjonijiet dwar ġbir ta' "swill" għalkemm rari wassalna għal sejbiet ta' rzizet li fihom ikun

*ikompli pg. 17*

TELESYSTEMS

# ADVANCED TELECOMMUNICATIONS SYSTEMS CO. LTD.

**"TELESYSTEMS", Mannarino Rd., Birkirkara, Malta**
(near Manuel Auto Parts) Tel: 484445/6 Fax: 484440

*a visionary company with a tradition in excellence*

**OUR QUALITY PRODUCTS ARE BUILT**
**UP**
**TO VALUE AND STANDARDS...**

**CHEAPER PRODUCTS ARE OFTEN BUILT**
**DOWN**
**TO A PRICE!**

**LANIER**
Faxes, copiers, overhead projectors and LCD panels.

**KYOCERA**
laser printers

**WYSE**
computers and tailor made software

**Southwestern Bell Freedom Phone**
small telephone systems

**GTH**
hotel telephone systems

**CUSTOMER VISION™**

*Our job is to make our customers' problems our own, to satisfy their needs at a level above their expectations.*

# FL-INTERESS TIEGHEK

ANKE DIN FL-INTERESS TIEGHEK - minn PS 59 David Saliba



Minn żmien għal żmien aħna l-pulizija noħorġu dan il-magazine fejn suppost ngħarfu lil membri kollha b'dak kollu li jkun qed jiġri madwarna u li hu ta' interess għal kulħadd u ġenerali. Ninsab ċert, b'kemm minn dak li nisma' u kemm minn dak li qed jingħad li l-magazine qed jerġa jikseb ċertu popolarita kemm mal-membri tal-korp, kif ukoll ma' diversi qarrejja 'l hawn u 'l hemm.

Nieħu gost ħafna meta ċertu membri tal-korp stess javviċinawni u jgħiduli bin-nuqqasijiet li jkollhom fit-taqsima li jkunu, għax b'hekk inkun nista nikteb xi żewġ kelmiet. Żgur li mhux kollox sejjer ħarir u għalhekk nikritikaw b'mod konstruttiv. Il-kritika li tidher minn żmien għal żmien u li beħsibni nikteb minn żmien għal ieħor żgur li mhux immirata lejn xi ħadd personali, u ħadd ma' għandu jieħu għalih. Fl-edizzjonijiet li diġa ħarġu s-sena l-oħra, kont ikkritikajt diversi oqsma w għamilt xi suġġerimenti. Naħseb li issa wasal iż-żmien sabiex nibda u ndur dawra madwarna biex naraw fejn sejrin tajjeb u ħażin, fost id-dipartimenti tagħna stess.

## IL-VETTURI TAL-PULIZIJA

Fl-ewwel edizzjoni ta' din is-sena xtaqt insemmi problema li ilha magħna għal bosta snin. Il-vetturi tal-pulizija. Bla dubju ta' xejn is-sena l-oħra il-korp ħa nifs qawwi meta ġew introdotti l-karozzi l-ġodda tat-tip Skoda. Dawn tqassmu f'diversi distretti, u għalkemm fl-opinjoni tiegħi, dawn il-karozzi mhumiex ta' xi strapazz ħafna, għinu biex żdiedet l-effiċjenza tal-pulizija. B'vettura, il-pulizija tista tkun fuq il-post ta' xi inċident, jew tar-reat aktar malajar. Il-karozzi huma saqajna. Konna ilna snin twal ingergru biex id-distretti jkollhom trasport adekwat u xieraq, u sa fl-aħħar wasal. Sal-lum iżda għad hemm diffet kbir, dak fejn jirrigwardja l-petrol. Il-kwoti tal-petrol għandhom jerġgħu jiġu riveduti sabiex verament jirriflettu d-domanda tax-xogħol. Qed jiġri li wara tlett ijiem jibdew il-messaġġi biex jintgħalab aktar petrol, għax ikun diġa spiċċa. Problema żgħira li żgur tista tiġi rranġata, faċilment. Madankollu, mhux l-istess jista jingħad għall-karrozzi tat-taqsima tal-Forensika, jew tat-taqsima tas-sigurtà, u wisq anqas tad-Dipartiment tal-Investigazzjoni Kriminal. Dawn it-tlett dipartimenti kbar fihom infushom huma tant u tant importanti, għadhom bil-problema ta' nuqqas ta' trasport. Il-Forensika per eżempju għandhom van wieħed biss li huwa kbir iżżejjed u ċertament mhux addatat għax-xogħol tagħhom. Vettura waħda biss li trid iservi l-membri kollha?

Hemm karozzi oħra li dalwaqt jaqgħu biċċiet bis-sadid u li żgur titlob lil ħanin Alla biex tasal qawwi u sħiħ minn post għall-ieħor. Jekk int, stazzjonat fit-taqsima tas-sigurtà naħseb mhux allowance biss għandhekk ikollok, bħal ma' għandhom iżda anke injettazzjoni kontra t-"Tetnus". Hemm ċertu karozzi li huma kkundannati mil-mekaniks tagħna stess, saħansitra jagħmlulek kuraġġ hekk kif tkun ser toħroġ mill-garaxx tal-pulizija stess, "Suq bil-mod" mhux għax hemm il-biżà li xi ħadd iweġġa biss iżda anke li tweġġa lil ħaddieħor, u xi ngħidu għal karozzi tad-D.I.K. li uħud minnhom trid tgħid l-att ta' l-Indiema hekk kif tidħol fihom.

Ara jekk jistgħax ikun li fis-sena 1994 fil-ġlieda kontinwa kontra l-kriminalità, t'għamilx użu minn dawn il-karozzi.

## IT-TBERIK TAL-ISKODA L-ĠODDA

Għadni niftakar, meta ġew imbierka u mqassma fid-distretti, lis-Skoda, naqra fil-gazzetti lokali li dan kien l-ewwel pass biex il-pulizija tkabbar l-effiċenza. Kont qrajt ukoll li l-mass media ma kienitx ser tiġi mistiedna għat-tberik tal-karozzi tad-D.I.K. meta dawn jiġu.

Dak iż-żmien kulħadd kien ħa xi ftit tan-nifs, għax għidna mela dalwaqt ser jaslu l-karozzi ġodda, biex qal hekk il-Kummissarju. Iżda bħal ma jaf kulħadd, sal-lum għaddiet kważi sena, u sa issa għadna bil-karozzi antiki, dawk minnhom li servew sal-lum. Kważi kollha kemm huma

*ikompli pg. 19*


FAVOURITE
TEACHER'S
Perfection of Old

# HOBBIES

## PULIZIJA JIBNI AJRUPLAN U JTIR BIH - minn PS 1200 Mario Pandolfino

Kullmin dan l-aħħar żar l-Air Show ta' Malta jew il-Police Hobbies Exhibition, seta jara ajruplan differenti min oħrajn.

Dan huwa ta' tip Micrslight Aircraft u ġie mibni mis-Surġent Mario Pandolfino li huwa stazzjonat fl-għassa ta' Ħal-Luqa. Dan l-ajruplan jissejjaħ Powered Parachute li jikkonsisti fi frame fuq tlett roti, seat għall-pilota u magna bi skrun fuq wara. Wara għandu parachute kbir li huwa f'forma rektangolari. Mario irnexxielu jibni dan l-ajruplan min fuq ritratti u video tapes li huwa stess irċieva minn barra meta xtaq ikun jaf aktar fuq dan is-suġġett. Dan it-tip ta' ajruplan l-ewwel li ġie ivvintat kien min Amerikan, Steve Lynider, li kien pilota w engineer kbir. Dan huwa differenti minn ajruplan oħra għax fejn ajruplan normali issib li għandu il-ġwienaħ dejjem fuqu w riġidi dan minflok għandu parachute kbir rektangulari li jitla fuq il-frame ta' l-ajruplan meta jistartja il-magna u jimxi 'l quddiem. Dan il-ġwejnaħ jibqa fuq l-ajruplan sakemm dan jerġa jinżel fuq l-art. Il-vantaġġi huma ħafna għax dan il-ġwejnaħ jistgħu jitkebbeb u jintefa ġewwa xkora u jitpoġġa fuq is-seat, b'hekk huwa ma jieħux spazju sabiex ħafna u ma jistax jidħol f'dik li tissejjaħ (spin) jew (stall) kif jista jiġri lill-ajruplani oħra b'konsegwenza li jikkraxxja. Vantaġġ ieħor huwa li billi għandu żewġ kontrolli biss, dik tad-direzzjoni u sabiex iżid u tnaqqas il-power throttle, faċli ħafna li titgħallmu għax kull ma trid hija struzzjoni ta' erba siegħat biss. Meta Mario iddeċieda li jibni dan it-tip ta' ajruplan studja dawn il-fatturi kollha w ra li meta jlesti dan l-ajruplan jkun jista wkoll ittajru. Huwa issieħeb ma żewġt organiżazzjonijiet Ingliżi, dik tal-B.M.A.A. il-British Microlight Aircraft Ass. u l-B.P.P.A., il-British Powered Parachute Association, sabiex seta jkun jaf aktar fuq dik li tissejjaħ il-Home Built Aircraft li tikkonsisti billi dak li jkun, jibni l-ajruplan ġewwa id-dar jew il-garage tiegħu. Huwa beda jfittex il-materjal u sab kollox minn hawn Malta minbarra l-parachute w l-iskrun.





Dam jibni dan l-ajruplan kważi tmintax il-xahar. Sab l-għajnuna ta' bosta Sponsors u anke xi Ministeri, fosthom tal-Kultura w Żagħżagħ, tal-Finanzi u oħrajn. Fost il-materjal li huwa mibni bih dan l-ajruplan hemm box section ta' l-aluminium u Stainless Steel Tubing u Fittings. Meta kien għoddu lesta il-proġett Mario beda jfittex biex jara min sejjer jiċċekkja w jtajjar l-ajruplan għall-ewwel darba dik li tissejjaħ "Test Flight" u sab lill-president ta' B.P.P.A., is-Sur Bob Walters. li malli sar jaf li kien qiegħed jinbena dan it-tip ta' ajruplan offra li jiġi Malta sabiex jiċċekkjah huwa stess.

Mario kien fortunat f'din il-biċċa għax il-proġett tiegħu kien sejjer jiġi Test Flown minn persuna esperta f'dan il-qasam, għax dan kien jiċċekkja ajruplan simili fl-Ingilterra u barra minn hekk huwa wkoll imniżżel fil-Guiness Book of Records, fejn dan għandu ir-rekord ta' l-itwal qabża bil-paraxut meta qabeż minn ajruplan minn, fuq l-Ingilterra u Illandja fi Franza. Bob Walters wasal Malta f'Jannar ta' l-1992 u fil-5 ta' Jannar il-ġurnata tal-Ħadd, Bob flimkien ma Mario u xi ħbieb oħra marru Ħal-Far biex jiġi mtajjar l-ewwel darba l-ajruplan. Wara xi ftit li Bob qagħad jifli l-ajruplan minn fuq s'isfel, intrabatt fuq is-seat, startja il-magna u l-ajruplan beda miexi il-quddiem. Wara ġirja żgħira l-ajruplan, tela l-fuq u beda jtir fost il-ferħ ta' dawk preżenti, l-aktar ta' Mario.

Bob qagħad idur xi ftit f'għoli ta' xi 500 pied u wara li niżel reġa ħa rankatura oħra u għamel titjira oħra. Meta Bob ġie mistoqsi minn Mario kif sab l-ajruplan huwa bi tbissima qal li sabu li

*ikompli pg. 21*


HOPLEAF
PALE ALE
A part of Maltese life

minn pg. 11

qegħdin jittrabbu għas-simna, barra li l-imsemmija jkun bla permess tad-Dipartiment tal-Agrikoltura u dak tas-Saħħa, l-prodott (majjal) ma jkun xejn ta' kwalita' u ħafna mard ikun qiegħed jiġri f'demm dawn il-bhejjem.

Bil-koperazzjoni tad-dipartimenti tal-Agrikoltura (veterinarju) saru diversi żjajar fuq dawn l-irziezet biex jinqered dan l-abbuż perikoluż li jista jwassal lil pajjiżna għal firxa oħra ta' mard fil-merħliet tal-bhejjem. Huwa ta' ħsara li pajjiżna jerġa jitniżżel fuq il-mappep tal-W.H.O. li f'Malta hemm il-periklu ta' mard, jekk dawk li huma irresponsabli ma jiġux imrażżna. Rekord ta' "318" majjal instabu f'razzett wieħed bla permess f'Ħaż-Żebbuġ!!

## INDUSTRIJA TAL-BINI

L-A.L.E. hi ú bil-koperazzjoni tal-Awtorita' tal-Ippjanar hemm il-ħsieb li jkun hemm kuntatt kontinwu bejn iż-żewġ partijiet dwar l-infurzar u l-ħarsien tar-regolamenti rigward l-industrija tal-bini. L-osservanza ta' dawn ir-regolamenti jnaqqas l-periklu kemm tal-ħaddien li jaħdmu f'dan il-qasam u kemm il-protezzjoni taċ-ċittadin minn inċidenti traġiċi li jistgħu jissarraf f'ħajja umana ħaġa li hija imprezzabli. Waqt din il-ħidma, l-pulizija tal-A.L.E. tara wkoll li tħaffir ta' trinekk fit-toroq ikun mħares kemm bil-permess tal-pulizija kif ukoll b'polza ta' assikurazzjoni. Din trid ukoll li jkun hemm twaqqif ta' barrikati u sinjali biżżejjed ta' traffiku li jindikaw li hemm xogħol jew periklu. Toroq magħluqa b'makkinarju kbir bħal "cranes" "gaffef" etc irid ikollhom il-permess tal-Pulizija.

## PATROL FIX-XTUT MALTIN

Matul is-sajf tal-1993, bl-għajnuna tal-"Iscuba Team", tal-"S.A.G." saru diversi rondi fuq il-baħar u madwar il-gżejjer Maltin kontra s-sewqan żejjed ta' "speed boat" u għal-ħarsien tar-regolamenti dwar l-istess "speed boat" u "skiijar" fuq il-baħar - A.L. 19/1985 Kapitolu 13.

Tista' tgħid li dan ix-xogħol ħalla l-membri tal'A.L.E. impenjati matul il-"weekends" kollha tas-sajf. Dan ix-xogħol sar minnu nnifsu l-aktar minn fuq il-baħar bl-assistenza u l-kontroll ta' dak li qiegħed isir minn fuq l-art. Madwar sebgħin (70) persuna tressqu quddiem il-Qorti talli saqu vetturi tal-baħar b'veloċita ta' aktar minn għaxar (10) knots fis-siegħa minn xi post sa 300 metru mix-xtajta bir-ramel jew 200 metru minn xi parti oħra tax-xtajta. Saru "patrolling" mill-gżira ta' Kemmuna meta xi partijiet mill-bajjiet jew magħluqa għall-inġenji tal-baħar. Ta' sodisfazzjon għall-membri tal-A.L.E. kien li matul is-sajf 1993 ma kienx irrapurtati inċidenti fatali jew serji. Bl-għajnuna tal-Awtorita' Marittima hemm il-ħsieb li għas-sajf 1993 ma kienx irrapurtati inċidenti fatali jew serji. Bl-għajnuna tal-Awtorita' Marittima hemm il-ħsieb li għas-sajf li ġej din is-sezzjoni ser tiġi imsaħħa b'aktar apparat, għajnuna u koperazzjoni sħiħa biex il-ħidma tat-tnejn flimkien, tiżdied is-sigurta ta'-għawwiema u ta' dawn l-isportivi li jeżerċitaw xi "sport" simili bħal "sub-aqua", "cannoing", "windsurfing". B'hekk ix-xtut tagħna ikunu aktar imħarsa minn periklu.

## VETTURI ABBANDUNATI FIT TOROQ TAGĦNA

Din is-sezzjoni tiegħu ħsieb u tilqa' r-rapporti dwar vetturi u kull makkinarju ieħor li nies mhux magħrufa jilqgħu fit-toroq u li jkunu ta' inkonvenjent għall-pubbliku. Għalkemm ħafna drabi ma jkollniex apparat jew makkinarju biex dawn il-vetturi speċjalment, dawk kbar bħall-"trakkijiet" jitneħħew, naraw kif nagħmlu biex jitneħħew, ġieli anke bl-għajnuna tat-taqsima tal-"garage" u s-Segretarjat għall-Ambjent. Dawn il-vetturi li jiġu miġbura, ma jkollhomx liċenzja u l-biċċa l-kbira ma jkunu tajbin għalxejn. Dawn wara li jiġi miġbura jittieħdu fil-'compound tal-pulizija" f'St. Andrew's fejn minn hemm huma jinġabru u wara li jkun hemm ammont sostanzjali ta' dawn il-vetturi, dawn joħorġu "b'tender" u jiġu mibjugħa skond l-avviż legali No. 30 tal-1991.

Ta' min isemmi wkoll li għal min ikun irid jieħu lura l-vettura tiegħu, hemm multa ta' Lm45 u Lm20 għal kull ġimgħa li tagħmel il-"compound tal-Pulizija". Hemm il-ħsieb biex din is-sena isir sforz qawwi biex jitneħħew ħafna mill-vetturi li baqa'. Ikun ta' għajnuna għal din it-taqsim, jekk il-Pulizija tad-Distrett qabel ma jitolbuna biex ineħħu dawn il-vetturi, jippruvaw isibu is-sidien tagħhom biex jitneħħa dan l-inkonvenjent.

## AMMINISTRAZZJONI A.L.E.

L-Administrative Law Enforcement taqa taħt ir-responsabilita diretta tal-Assistent Kummissarju tal-Pulizija "Policy & Planning" li fil-preżent hu s-Sur Joseph Psaila. L-Ispettur Anzjan Peter Cordina irnexxi x-xogħol effettiv bl-għajnuna tal-1st S.M. V.F. Spiteri, l-istaff fil-preżent huwa magħmul minn P.S. 772 Agius, P.S. 1431 D'Amico, W.P.S. 45 Bartolo, P.C. 24 Pace, P.C. 296 Lia, P.C. 559 Mulvaney, P.C. 615 Ellul u W.P.C. 7 Camilleri. Membri li taw sehem fl-A.L.E., fil-passat kienu: A.C. Paul Attard, Spettur Anzjan J.M. Abela, Spettur A. Zammit, Spettur E. Camilleri, Spettur S. Zammit, P.S. 1145 Mizzi, P.S. 521 Cassar, P.S. 532 Zammit, P.S. 542 Grech, P.C. 38 Zahra, P.C. 429 Schembri, P.C. 179 Pace, P.C. 1514 Camilleri.

## KOPERAZZJONI

Dan ix-xogħol f'din it-taqsima jsir b'kollaborazzjoni sħiħa mas-Segretarjat tal-Ambjent partikolarment mill-Ispetturi. L-A.L.E. issib ukoll koperazzjoni fil-ħidma tagħha minn membri oħra tal-korp tal-Pulizija fosthom il-"Mobile Section", għajnuna li dejjem hija apprezzata. Dawn huma ftit riflessjonijiet, li jirrigwarda l-ħidma ċentrali tal-A.L.E. fi ħdan il-Korp, ħidma li xi ftit jew wisq tagħti s-sehem tagħha għal ġid u l-bon ordni tas-soċjeta!




**Manufacturers & Suppliers of Mining Explosives and accessories Propellant and powders, sporting ammunitions and Deep Rock Drilling machines**

**PULVICH EXPLOSIVES**
**Ind. Ltd.**
**Sta. Barbara Works**
**L'Hfar Dingli**
**459621/459622**

# GASAN INSURANCE

## GIVING A GOOD SERVICE
## MEANS A LOT TO US

**General Accident** and **Gasan Insurance** combine to provide a superior service which reflects quality, experience and integrity.

We provide a full service from our modern and centrally located Head Office in Gzira and we also operate Sales Offices in Valletta and Sliema, apart from a network of representatives throughout Malta and Gozo.

GA
General Accident
A Leading European Insurance Company

Gasan Insurance
Agency Ltd
Head Office, Msida Road, Gzira
Tel: 345 123 Fax: 345 377



minn pg. 13

spiċċaw. Dan l-aħħar sirt nak li kien hemm tender biex jinġiebu l-karozzi ta' mudell wieħed biss bħa; ma konna qabel. Forsi biex il-kriminalità jgħarfuna li aħna pulizija. Kien hemm żmien meta id-D.I.K. kellhom il-Jetta, dawn spiċċaw u ġew l-Opel Asċona u issa dawn spiċċaw ukoll. Issa x'aktarx li ser jerġa jirrepeti l-istess żball għax jerġgħu jinxtraw kwantita ta' karozzi ta' l-istess mudell. Ma tantx jieħdu wisq żmien qabel dawn jindraw ukoll. Hemm il-ħtieġa li l-karozzi jkunu differenti. Ma dana kollu biex tkompli mal-gwaj li qegħdin fih, sirt naf ukoll li din it-tender spiċċat jew twaqfet u tender oħra għada ma ħarġitx. Tistà taħsbu meta ser jaslu l-ġodda. Tad-D.I.K. jieħdu paċenzja.

## LANDROVER FUQ IL-KOPERTINA

Fuq il-kopertina qed naraw il-landrover tal-S.A.G. li tagħmlilna unur li vettura minn Malta qed tiġi ippubblikata f'magazine internazzjonali. Ħasra li f'dak iż-żmien ma kellniex il-Pajero għax kieku kollna nkunu aktar kburin.

## Il-KAROZZI TAL-MOBILE

Biex inkompli ftit immaqdar il-karozzi tal-pulizija, żgur li ma tistax ma' ssemmix il-karozzi tal-mobile. Dawn il-karozzi li d-dehra tagħhom hija tant sabiħa, mhux daqstant hija feliċi għal dawk is-sewwieqa li ta' kuljum ikollhom isuqu dawn il-karozzi. Karozzi li servew u qdew verament tajjeb ix-xogħol tal-pulizija, li tista tgħid ma waqfu xejn, 24 siegħa kuljum. Żgur li wasal iż-żmien biex jinbidlu wkoll. Tismagħhom jaħdmu biss tkun taf x'jien ngħid. Qishom diesel.

## Il-GARAXX TAL-PULIZIJA? GARAXX JEW BIR TAS-SKIEKEN?

Jekk fil-qasam tat-trasport fil-pulizija għandna problema żgur li kulħadd jaqbel li l-akbar problema tinsab fil-garaxx tal-pulizija u fit-tmexxija tiegħu. Idejalment l-iskop kien li ma jkunx hemm ħafna pulizija stazzjonati l-garaxx u jagħmlu xogħol mhux ta' pulizija iżda aktar bħala mekaniks. Xogħol il-pulizija huwa fuq barra, fl-għasses u fuq il-beat. Veru dan, iżda ma naħsibx li kienet xi ideja tant brillanti li jkollna erba' jew nofs tużżana, fuq il-karozzi tal-pulizija, għas-spejjes tal-pulizija stess, għax jekk ma jagħmlux xogħol sew minn ser ibagħti? Iżda fil-fatt hekk hu! Tniżżel il-karozza tas-servizz għal xi ħsarat żgħar biex tispiċċa idum hemm ġranet sħaħ, l-ewwel ma jgħidulek "għamillha job card u tlaqgħa hemm imbagħad naraw'. Tispiċċa biex jgħaddu erbat ijiem u terġa tittawwal għal karozza u ma jkun sar xejn jew tispiċċa wara erbat ijietm iddaħħal l-istess karozza għall-istess ħaġa. Il-garaxx sar ċimiterju tal-karozzi tal-pulizija, b'aktar vetturi hemm milli barra fit-triq. U xi ngħidu għal kundizzjonijiet tal-karozzi ta' ċertu taqsimiet. Ironikament, inħarku nies għax il-vetturi tagħhom bla dawl, meta għandna karozzi tagħna stess bla dawl, numri ma jidrux, fanali miksura, bla-bumpers, jekk mhux b'xi bagol ta' karozza li jinqafel bl-ispaġġ. Sadid u daqqiet u tant nuqqasijiet oħra, żgħar li huma ta' "eye sore".

Ta' spiss jiġri li ċertu spare parts jinbidlu billi jinqalgħu minn karozzi skrapjati, parts oħra jkunu għad irridu jinxtraw u, iddum ġimgħa sħiħa tistenna parts jinxtraw, jekk ma' jgħidulekx ukull li trid tistenna sax-xahar ta' wara għax flus ma jkunx hemm biex jinxtraw.

Sa ftit żmien ilu l-garaxx kien qed jitmexxa b'maġġur li żgur kellu esperjenza twila ferm fil-karozzi, illum għandna spettur ukoll, pero l-affarijiet ma tantx tjiebu. Hemm bżonn li l-garaxx ikollu nies b'esperjenza mill-management sal-mekaniks. Hemm bżonn ukoll aktar dixxiplina fit-tmexxija tal-garaxx, u b'aktar serjeta u effiċjenza.

Inħoss li għandi insemmi wkoll in-nuqqas ta' responsabbilita' ta' ċertu xufiera. Tara karozzi maħmuġa u traskurati u żgur li ma jagħmlux enn il-korp tal-pulizija.

L-isforz irid isir minn kulħadd mill-kbira saż-żgħir.

Inutli naraw ix-xagħra f'għajn ħaddieħor meta t-travu t'għajnejna ma' narawhx.

SALE SALE

# KISHNA

4 MERCHANTS STR, VALLETTA.

***LADIES' FASHION WEAR EXPERTS SOLICIT YOUR VISIT TO YOU***

| | |
|---|---|
| DRESSES | Lm7.90 |
| SUITES | Lm9.90 |
| BLAZERS | Lm17.90 |
| SKIRTS | Lm3.90 |
| WOOLEN COATS | Lm14.90 |
| SKI PANTS | Lm3.25 |
| BLOUSES | Lm5.90 |

***AND MUCH MORE***

*It's a unique opportunity to save £ £ £ £*

SALE SALE

# SCHEMBRI BATTERIES LTD.

## SALES & SERVICE

## A 39 INDUSTRIAL ESTATE MARSA - Tel: 220036

***Manufacturers of***

# EMLITE

## BATTERIES




SOLE AGENTS FOR:

SPB

A DIVISION OF

**Sovereign**

AUTOMOTIVE PRODUCTS

Now Also Available

**DAGENITE**

EXIDE

*BATTERIES*

*minn pg. 15*

kien stabbli ħafna u jħabbatha ma ajruplani ingliżi u kien ħa pjaċir ħafna jtajru. Meta Bob Walters kien lura l-Ingilterra huwa bagħat lil Mario rapport sħiħ tat-test flight iġib il-liċenzja ta' pilota sabiex jkun jista jtajjru huwa stess, għalhekk ibbukja Flying Course ġo Wales fl-Ingilterra fejn kienu jagħtu taħriġ ta' titjir li jwassal lil wieħed biex iġib il-liċenzja ta' dan it-tip ta' ajruplan. Il-kors kien dam ġimgħa. Mario mar u l-instructor Peter Muscat beda biex fisser il-kontrolli ta' l-ajruplan li jixbħu lill-ajruplan li bena Mario u wara xi siegħa qal lil Mario sabiex jitla fuq is-seat tal-ajruplan u qallu biex jistartja u jitla bih.



Peter qal lill-Mario li kien sejjer iżomm kuntatt miegħu permezz tar-radju. Wara ġirja Mario sab ruħu qed jittajjar għall-ewwel darba f'ħajtu. Dan il-kors li kif għidna idum ġimgħa jikkonsisti f'ħames sigħat titjir ta' Level Flight, 25 Touch and Goes, Circuit Flying u fl-aħħar Engine Cut Outs fejn wara li titla xi 2500 pied, l-instructor li dejjem ikun fuq l-art jgħidlek sabiex titfi il-magna u tinżel bil-magna mitfija permess li tigglajdja. Barra minn hekk jkollok dik li tissejjaħ Ground School fejn wieħed jitgħallem il-Meteorology, Navigation, Human Performance Limitations, Air Law u Airframe Mechanics. Dawn wara jkollok eżami fuq kull suġġett u jekk tgħaddi minnhom tieħu il-liċenzja ta' pilota għal fuq kull suġġett u jekk tgħaddi minnhom tieħu il-liċenzja ta' pilota għal fuq dak it-tip ta' ajruplan.

Mario irnexxielu jgħaddi minn dawn l-eżamijiet u jġib il-liċenzja ta' pilota, lura Malta beda jipprepara biex itajjar l-ajruplan tiegħu. Dan għamlu ġewwa Ta' Qali fid-29 ta' Settembru 1992 u it-titjira kienet suċċess. Mario hawn kien ferħan ħafna għax irnexxielu jilħaq l-iskop li jtajjar l-ajruplan li huwa kien bena. L-attivita ġiet innotata minn News Media u dawn xandru din l-istorja kemm fuq il-gazzetti kif ukoll fuq it-television lokali. L-istorja waslet anke barra u il-B.M.A.A. magazine ippublika din l-istorja għall-membri tiegħu li jlaħħqu madwar 4000m imexerrdin mad-dinja.

Mario irċieva xi ittri u anke ġew membri Ingliżi sabiex jaraw l-ajruplan tiegħu.

Kellu wkoll kuntatti minn membri ġewwa l-Amerika u l-Italja. Hawn Malta, Mario ġibed l-attenzjoni ta' ħafna individwi, fosthom ex-Pulizija, Henry Rota li talab lil Mario biex itih xi struzzjonijiet fuq l-ajruplan u wara talbu biex itajjru huwa stess. Hekk għamel ġewwa Ta' Qali u Henry tant impressjona ruħu li xtara wieħed lest minn barra u beda jtajjru wkoll ġewwa Għawdex. Taljan li jinsab jaħdem hawn Malta wkoll beda jittajjar b'ajruplan microlight. Mario ġabar lil min kien interessat fuq dan is-suġġett u twaqqfet l-Aviation Sports Association ta' Malta li għanda xi 40 membru. Dan l-aħħar din l-għaqda organizzat kors tal-parachute jumping u daħlu għalih 24 persuna. Dan il-kors li dam ġimgħat ġew istructors mill-Olanda u kien suċċess. L-ajruplan ta' Mario ġie esebit f'għadd ta' esebizzjonijiet fosthom il-Police Hobbies Exhibition, Sport and Leisure Exhibition fin-Naxxar u dan l-aħħar fl-Air Show li sar ġewwa Ħal Luqa. Ix-xewqa ta' Mario issa hija li flimkien ma sħabu tal-club li għandhom l-ajruplan jagħmlu dik li tissejjaħ Titjira Maratona minn Malta għal Għawdex u lura. Dik tkun tista issir sabiex jinġabru fondi għal skop ta' karità. Mario jispera li din ix-xewqa jaqtagħha u jittama li tkun suċċess. Mario ħaseb ukoll biex jgħin l-awtoritajiet fil-glieda kontra id-droga f'mod oriġinali billi stampa fuq il-wing ta' l-ajruplan "Le Għad Droga" kbira biex tidher meta jkun qiegħed itir. Dan ir-ritratt ser jidher fil-kopertina tal-ħarġa li jmiss. Kull min jixtieq aktar tagħrif dwar dan il-hobby jista' jikkontatja lil Mario jew l-għassa ta' Ħal Luqa jew id-dar fuq in-numru 681173 u jiġi mgħoti l-informazzjoni kollha meħtieġa fuq dan is-suġġett.

## A COURTESY VISIT BY JUDGE MR. V. BORG COSTANZI LL.D.

On the 30th November, 1993, Mr. Justice Victor Borg Costanzi LL.D. paid a courtesy visit on the Commissioner of Police Mr. George Grech at the Police General Headquarters prior to his retirement from the Bench.Judge V. Borg Costanzi LL.D. is very well known amongst Police Officers since he served for a long time at the Attorney's General Office which he eventually headed before being raised to the Bench.We wish him a long retirement age.

# GĦAQDA PULIZIJA PENSJONANTI
Kelmtejn mill-President

Għeżież Pensjonanti,

Naħseb li ma għandniex għalfejn ngħidilkom dwar is-suċċess ta' l-istedina annwali mill-Kummissarju tal-Pulizija, is-Sur George Grech, li nżammet fil-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija, Floriana, l-Ħadd, 9 ta' Jannar. Dawk il-membri u n-nisa tagħhom li attendew setgħu jħossu nostalġija ta' żmien meta kienu jservu fil-Korp. Preżenti kien hemm pensjonanti mill-età ta' 55 sena sa 84 sena. Kulħadd isib x'jirrakkonta. U kien preċiżament f'waħda minn dawn id-diskussjonijiet li ħarġet l-ideja li għandu jsir sforz biex isiru attivitajiet simili. Għal dan il-għan hu ħsieb tal-Għaqda li jitwaqqaf 'Ladies Circle' sabiex tinxtered iktar l-Għaqda fost ħutna l-pensjonanti b'parteċipazzjoni ta' membri tal-Korp, in-nisa tagħhom, eċċ. Iżda qabel xejn għandha toħroġ ċirkulari ndirizzata lil dawk li m'humiex membri sabiex jitkabbar in-numru tal-membri. Nagħmel appell biex dawk kollha li jixtiequ jieħdu sehem fil-kumitat organiżżattiv tal-'Ladies Circle' jinformaw lill-Assistent Segretarju John B. Azzopardi fuq telefon numru 333276 li huwa l-ko-ordinatur. barra li b'dan il-mezz insaħħu l-fondi tal-Għaqda, nkunu nistgħu ngħinu aktar kollegi. Forsi, din is-sena, flok is-sitta minn nies li nżuru għal żmien tal-Milied, inkunu nisgħu nżuru u nferrħu iktar pulizija pensjonanti, barra xi għajnuniet li l-Għaqda tagħmel minn żmien għal żmien.

Insellmillkom.

A.J. Saliba
President

## L-INTERVISTA
Kitba: A.J. Saliba



### Ex-Surp. Louis M. Micallef

Bejn il-Milied u l-Ewwel Jum ta' din is-sena, il-President u l-Viċi President tal-Għaqda, is-Sur Joe M. Borg, għamlu żjara ta' kortesija lil ex-Suprintendent Louis M. Micallef fid-dar tiegħu tas-Sliema. Kemm jien u kemm is-Sur Borg konna kollegi tiegħu fis-snin sittin meta huwa kien imexxi id-Dipartiment ta' l-Investigazzjoni Kriminali (C.I.D.). Is-sur Gig, kif kważi jafu kulħadd, huwa fl-istess ħin għandu sens ta' umoriżmu li, kif għalmitna l-esperjenza meta ħdimna taħt tmexxija tiegħu, l-ebda biċċa xogħol, tkun kbira kemm tkun kbira, ma kont taraha goffa u ta' qtigħ il-qalb. Is-Sur Gig huwa rinomat għal kif jirrakkonta xi ġrajja milli għadda minnha matul is-37 sena servizz li għamel fil-Korp tal-Pulizija. Billi l-ispazju hu limitat, aħna staqsejna lis-Sur Gig biex jgħidilna fuq fuq kif svolġiet il-karriera tiegħu fil-Korp.

## FIL-WEAPONS U ALIENS OFFICE

Louis M. Micallef twieled fil-Belt Valletta fil-25 ta' Marzu, 1911, u daħal fil-Pulizija bħala Kuntistabbli Nru. 217 fl-20 ta' Ottubru, 1934, fiż-żmien il-Kumissarju Salvu Grech. Sab ruħu fil-Weapons Office, ġewwa d-Depot ta' Triq Merkanti, l-Belt, fejn jiftakar li l-liċenzja għall-kaċċa kienet tiswa Lm1 u sold bolla. Dak iż-żmien kien hemm żewġ Deputy Comissioners, is-Sinjuri Inglott u Axisa. Dan ta' l-aħħar irnexxielu jieħdu miegħu fl-Aliens Office fejn tant kien jieħu nteress li anke kien jibqa' jaħdem wara l-4 p.m. Infatti beda jitħarreġ, mhux uffiċjalment, fil-ġbid tar-ritratti u fl-istudju tal-marki tas-swaba.-

## ACTING SARGEANT

Meta bdiet il-Gwerra d-Dipartiment tiegħu telgħa Fleur de Lys u ħadu dar kbir biswit il-Police War Headquarters. Hemmhekk sar Acting Surgeant (unpaid) u beda jieħu ħsieb il-membri tal-Korp li kienu jiġu stazzjonati hemm. Wara li ħa sehem f'ħafna każi ta' "shadowing" (isus wara xi bniedem li jkun issuspettat), kemm ta' nies barranin kif ukoll dawk lokali - dan minħabba l-gwerra u l-konsegwenzi li ġibed magħha - kif ukoll fl-evakwazzjoni ta' nies li tilfu darhom bil-gwerra, huwa sar Surġent tal-fiss hekk kif in-numru ta' Surġenti żdied sostenzjalment. Il-korp imbagħad reġa' lura lejn il-Belt fejn kien għadu joqgħod bil-familja. Wara ħafna żmien kien mar joqgħod il-Furjana.

## JILĦAQ SPETTUR

Fl-1949 sar eżami intern u s-Sur Gig ġie l-ewwel għal Spettur. Hu ħa żewġ "stars" mal-ewwel fuq spallejh u ħadem, ftit ir-Rabat u l-iktar il-Furjana u l-Belt Valletta. Meta fl-1955 ħarġet ċirkulari biex iħajjru xi fizzjali sabiex jattendu kors f'Wakefield, ġewwa Yorkshire, l-Ingilterra, dwar Fingerprints u Fotografija, huwa ġie magħżul billi ġa kellu xi ftit ta' l-esperjenza. Dam tlett xhur u nofs jistudja, għadda u meta ġie lura Malta sab ruħu nkarigat li jaġġorna r-rekords kollha tal-Fingerprints. Huwa semma kif hu kien jiklassifikhom u li kien hu li ta' bidu għat-tagħlim ta' din il-professjoni lil mikbi Surġent (325) John Cutajar. Is-Sur Gig attenda wkoll kors fil-Police Metropolitan School ta' Hendon u fl-1962 kien wieħed mill-ewwel Spetturi li ħadem fil-"Y" Division, illum il-Malta Drydocks. Wara, s-Sur V. de Gray, Kummissarju, għamlu s-Segretarju Personali tiegħu.

## IL-5 TA' APRIL 1963

Kienet Jum id-Duluri, rrakonta s-Sur Gig, meta f'xi n-12.30p.m., ħa l-aħbar li sar nannu għall-ewwel darba. F'xis-6.30 p.m. bagħat għalih il-Kummissarju de Gray u nfurmah li kien ser ilaħqu Suprintendent. F'din il-kariga ġdida ħadem kemm f'Bormla u kemm Raħal il-Ġdid (dak iż-żmien kienu l-Eastern u Southern Districts). Ma kienx ikun l-ewwel darba li kien ilaħħaq xi żewġ Distretti oħra f'jum wieħed. Dejjem kont trid tagħraf timxi mal-eżiġenzi tas-servizz u dan kien jagħmlu mingħajr tlaqliq u xejn garr. Fl-1966 ġie msejjaħ biex jieħu t-tmexxija tas-C.I.D. f'idejh fejn dam sa nofs Ġunju tal-1971. Spiċċa l-aħħar ftit xhur, preċiżament f'Settembru ta' l-istess sena, fid-Distrett tal-Ħamrun (Central District).

## FAMILJA KBIRA

Is-Sur Gig u martu Ines kellhom erba' subien u erba' bniet. B'kollox għandhom 13 neputijiet u dawn terġa' għandhom żewġt ibniet u tifel li tagħhom is-Sinjuri Micallef huma bużnanniet. Qabel ma ħallejnihom xtaqnilhom ħajja aktar twila mimlija ġid u hena.

## OBITWARJU



Ex. PC. 688
A. Farrugia



Ex. PS 24
Edward Azzopardi



Ex. SM 702
Francis Scalpello

STAR

A Taste for Good Food

General Distributors Ltd. GDL
126 Cross Road, Marsa.
Tel: 225321 / 235415

# INVICTA LTD.

## COMPLETE OFFICE FURNISHINGS

### RANGES IN MAHAGONY - OAK - STEEL

EXECUTIVE & OFFICE DESKS
FILING CABINETS
OFFICE CUPBOARDS
WALLSHELVING UNITS & BOOKCASES
COMPUTER STATIONS & STANDS
EXECUTIVE, TYPISTS, OFFICE CHAIRS
& ARMCHAIRS OF THE LATEST E.E.C.
MODELS & SPECIFICATIONS

### THE CHOICE OF THE PROFESSIONALS

FOR FUNCTION - BEST VALUE - DURABILITY - AFTER SALES SERVICE

***AVAILABLE FROM:***

* Sliema The Strand Tel: 313827 * Mosta - Valletta Road Tel: 433977
* Paola - Paola Sqr., Tel: 666906 * G'Mangia - G'Mangia Hill Tel: 233153
and at * Atlantis - Main Street, Qormi Tel: 488517

***FACTORY & OFFICES***

* Quarries Square, Msida Tel: 233153 - 5. Fax: 243380 Tlx: 1693 1693 VICTA.

# POLICE ON THE BEAT PART IV

minn PS 369 J. Mizzi

The foot-patrols and area cars are able to communicate with their base station by radio and they are thus able to aid one another, either physically or by providing information. The main aims of uniformed police patrols are achieved in that weaknesses of the foot-patrol are recompensed by the strengths of motor-patrols and vice versa.

The principal problems of this system are its cost in terms of manpower and the need for flexibility. It takes considerable ingenuity to be able to gear the needs at that time. Inadequate planning can result in police patrolling empty streets in which they are serving no useful purpose; it is possible to provide flexibility by using mobile crime-patrols unvulnerabl areas during those times when foot patrols are not effective.

The primary object of an efficient police is the prevention of crime; the next that of detection and punishment of offenders if crime is committed. To these ends, all the efforts of police must be directed. The protection of life and property, the preservation of public tranquility and the absence of crime will alone prove whether those efforts have been successful and whether the objects for which the police were appointed have been attained.

It will be clear that any package designed to tackle the problems outlined above must be a combination of many diferent approaches. Firstly, the extremes can be eliminated.

For police to decide that the interests of harmony are best served by "going soft" on criminals is a complete abdication of their responsibility and betrayal of the trust of the majority of the community, of whatever age and background; it is unacceptable. Equally, to go to the other extreme and attampt to cure the crime problem by heavy handed exercise of massive resources is, in the long run, counter-productive, ignores the heart of the matter, inflames the situation and is excessively wasteful of effort. It would be comparable with leaving a fevered man out in the snow; the fever might me reduced but, in the long run, it would do the patient more harm than good.

It has long been argued that one of the essential ingredients to successfully policing an area is to ensure that there are adequate uniformed police officers to effectively prevent crime. This is something that members of the public and their representatives are frequently urging on the police, presents the problem of how to achieve the end result without causing alarm, suspicion and hostility among the community with extra officers. All too often any increase in the police presence on the streets will be mis-represented as an arm of occupation intent on harassing the local population. Therefore, far from reducing cime and reassuring the public this move results in greater tension and heightened anxiety.

In order to increase the number of officers in the area without causing alarm, it is necessary to reassure the public that this is being done by local officers who will be patrolling their streets regularly and who will have the right attitude-officers who will be there long enough to get to know the local community and get known by them.

It is essential that the officers who are to police an area must be sensitive to the problems and people in the area; they must be deligent, patient, hard-working and of the right attitude towards the public - in many ways it would be advantageous if they were superhuman but, until we get some of those, we must ensure that the men who come are well trained and carefully selected.

For this reason, the training programme for our officers has been enhanced and the element that we call "Policing Skills" has been increased, with a view to ensure that officers project the right attitude to the public, for that, and that way only, will we elicit the right attitude in return.

The projection of the right attitude by members of the force is absolutely essential to policing in any we can expect to see a reduction in tension, so creating an atmosphere where not only violence towards the police rejected but the public feel that they can work with the police to reduce crime, for this goal cannot be achieved unless the community and their police work together. This co-operation is essential for it is impossible for the police to operate in some kind of vacuum. Crime must be tackled as any active evil in society which all members of that society have some part to play in eliminating.

It has earlier on been said, that it is essential that the officers who are to police an area must be sensitive to the problems and people in the area. How can a police officer achieve this sensitive sense of existing problems? Surely this cannot be done overnight. Neither by sitting in a parked vehicle. In order to really familiarise oneself with the problems pertaining to a particular area, ready to listen to the various complaints he receives or becomes aware of, and try to analise the cause of the problem or problems.

No one can get to the crunch of a problem unless he has really understood the problem and is sure that he knows all about it. Only then one must try and find the best way out in the interest of justice and to appease all parties involved.

The police on the beat, be on foot-patrol, mobile - patrol, traffic - control etc. must first and foremost acquaint themselves with the locality entrusted to them. It is imperative that the topography of the place is well known or if new to the area one should endevour to learn about it as much as possible in the least possible time. Places highly vulnerable to burglaries, such as banks, stores, factories etc. These have to be noted in order to avoid undue delay should emergencies arise and so that these are duly patrolled and surveilled especially during the silent hours.

The police on the beat should keep a sharp look for known criminals, drug pushers, burglars, pick-pocketers, fraudists, gamblers etc. Although it is not always possible for police on the beat to dog the foot steps of criminals, it is essential that the movements of these people and their associates be noted together with their movements. This information is later on recorded and although prima facie it may appear innocuous, in the long run it can prove in solving serious crimes.

VAUXHALL

# CORSA

Corsa is all set to cause a sensation. It's not just the looks, nor the sparkling character - Corsa's appeal is more than skin deep.
In a place of small-car compromises, it provides big car engineering. Instead of excuses, it delivers class-leading comfort and safety, award-winning security and state-of-the-art environmental technology. Three or five-doors, petrol or diesel power, luxury, sport or simply practical trim - Corsa offers it all.

**3 and 5 door versions.**
**Diesel or petrol.**

*The full GM guarantee package on all Vauxhall Corsa range:-*

GM

- One year guarantee on unlimited mileage.
- Three years' guarantee on sealed maintenance free battery.
- One year guarantee on non wear-and-tear parts replaced during service.



Part Exchange accepted

All models with a catalytic convertor

*See the Vauxhall Corsa at Local agents:*
*MIRA MOTORS SALES LTD. 148, Rue D'Argens, Msida.*
*Tel: 333001/4*

*Gozo agent:*
*S. Bajada & Sons*




**For printing from A to Z,**
**look under D ...**
**DORMAX**

That means the next time you call us, you'll be tapping into the full capabilities of the printing industry's number one source for printed products. A reputation built on more than twenty years of quality and care to satisfied clients.
Tel: 446195 - 441570 - 497890
Fax: 441092

DORMAX
PRESS COMPANY LTD
THE GRAPHICS HOUSE
IN INDUSTRY ROAD
QORMI - MALTA

# GĦALIEX PERSUNA TIEĦU D-DROGI

minn Joe Gatt

Għall-aħħar ta' Settembru 1985 kont mort Dublin l-Irlanda biex nieħu t-taħriġ bħala terapista. Bħala parti mit-taħriġ li għamilt kelli nqatta' sitt ġimgħat f'St. Martha's Therapeutic Community" fejn kien hemm tlieta u sittin ex-drogat, irġiel u nisa, jirrijabilitaw lilhom nfushom.
Hemm jien kont meqjus bħala wieħed minnhom, norqod, niekol u ngħix magħom, u niġi trattat daqs li jiena wkoll kont ex-drogat. Peress li kienu jafu li jiena kont ex-pulizija għall-ewwel bdew jagħmluli l-programm diffiċli u ma kienux jafdawni.
Fit-tieni ġimgħa talbuni nagħmlilhom seminar fuq ix-xogħol tal-pulizija. Flok li kellimthom fuq ix-xogħol tal-pulizija, kellimthom fuq il-pulizija bħala persuna, missier u membru ta' familja. Kellimthom fuq kif meta s-soċjetà tkun qed tgawdi f'xi festi l-pulizija ikun xogħol, meta s-soċjetà tkun rieqda għas-sħana tas-sodda u d-dar, il-pulizija ikun barra għall-kesħa biex jipproteġi 'l-istess soċjetà u kif meta fil-Milied u festi oħra l-familji jknu qed jifirħu flimkien, il-familja tal-pulizija tkun qed tiċċelebra bin-nuqqas tiegħu. Jekk ikun hemm xi diżastru fil-pajjiż il-pulizija ma jkunx jista' jipproteġi 'l-familja tiegħu għax forsi ikun 'il bogħod minnhom fuq ix-xogħol. Ir-residenti għax hekk jissejħu ex-drogati li jkunu qed jagħmlu programm) qatt ma ħarsu lejn il-pulizija bħala persuna umana, missier ta' familja, li qed jagħmel xogħlu bħal persuna oħra. Dejjem ħarsu lejh bħala numru, robot li dejjem lest biex jikkastiga u jaqtà l-irjus ta' min jiġi taħt idejh. Forsi din l-ideja ħaduha minn xi ftit pulizija li ġieli juru aggressività fix-xogħol tagħhom.
Għidtilhom li kont innutajt fil-ftit taż-żmien li kont magħhom li meta jkunu qed jaraw xi film pulizjesk fuq it-t.v. it-tendenza tagħhom kienet li jżommu mal-pulizija u mhux mal-kriminali.
Ħaġa li għalkemm kienu jagħmluha qatt ma ħassewhom konxji tagħha.
Min dak inhar l-affarijiet inbidlu u bdew jafdawni - sirna ħbieb.
Billi tgħix magħhom u tidħol fil-programm daqs li kieku inti tkun abbużajt id-drogi, mhux biss issir taf minn x'hiex jgħaddu waqt il-programm u tibda tifhimhom, iżda tibda tinduna li inti wkoll għandek xi tbiddel u x'tirranġa fil-karattru tiegħek. Tibda tinduna li ċerti difetti li jkollhom huma jkunu fik ukoll u bis-saħħa tal-programm tkun tista' taħdem fuqek innifsek, u tikber.
Bdejt insir naf aktar min hu d-"drug addict" mhux mill-problema soċjali tiegħu iżda mill-attitni u l-imġieba tiegħu. Ma rridx li b'hekk niġġustifikah għall-atti kriminali li forsi seta' wettaq. Jekk nikkastigawh għar-reati li jagħmel mingħajr ma nippruvaw nirrejabilitawh qatt ma naslu biex ngħinuh u b'hekk is-soċjetà ma tiggwadanja xejn anzi titwikka bil-piz ta' aktar kriminalità.
Jekk inħarsu lejn id-"drug addict" bħala persuna bi problema naslu biex ngħinuh biex jinbidel f'ċittadin eżemplari. Ħafna jgħidu li "a drug addict is always a drug addict" (kif ngħidu bil-Malti "il-ħanżir taqtagħlu denbu ħanżir jibqa". Din mhux bilfors tgħodd għal kulħadd u ċ-ċans huwa li l-maġġoranza tagħhom jinbidlu.
Għalhekk mad-dinja kollha insibu Komunitajiet Terapertiċi biex jgħinu lil kull min ikun irid joħroġ mill-problema tad-droga.
Ħafna jistaqsu, "imma għaliex wieħed irid jogħdos fil-fond qabel jirrejalizża li jrid jagħmel xi ħaġa?" Għaliex irid jispiċċa l-ħabs jew jidħol l-isptar?"
Kwalunkwe vizzju jidħol fil-bniedem bil-mod iżda biex il-bniedem jirrejalizza u jaċċetta li għandu problema u li ġie maħkum mill-vizzju hija diffiċli.
Nieħdu t-tipjip tat-tabakk u x-xorb alkoħoliku. Kulħadd jaf li dawn jagħmlu l-ħsara iżda ħafna huma dawk li jidħlu għal dawn il-vizzjijiet u fl-istess ħin biex wieħed joħroġ minnhom hija diffiċli. Il-bniedem iġib ħafna skużi biex jiġġustifika l-azzjonijiet tiegħu. Forsi meta wieħed jiġi dahru mall-ħajt jaħsibha mod ieħor, u jaħseb biex jaqtà' l-vizzju. Iżda meta ċ-ċirkostanzi jerġgħu jaqilbu għall-aħjar il-bniedem malajr jinsa minn xiex ikun għadda u jerġà jidħol fil-vizzju li kellu, xi drabi aktar bil-qawwi.
Għalhekk il-Caritas tissaporti lid-drogat jiġi u jmur kemm hemm bżonn u rari tagħlaqlu l-bieb għaliex temmen li biex bniedem joħroġ mill-viżżju li jkollu ma hiex faċli, iżda xi drabi jirrejalizża li għandu bżonn jagħmel xi ħaġa bis-serjetà, meta jogħdos waħda u sew. Meta xi "drug addict" jispiċċa l-ħabs jew agħar jispiċċa sitt piedi taħt it-trab, tisma' ċerti nies xi kultant mhux biss nies komuni iżda nies ta' ċertu pożizzjoni jgħidu, "ħlisna minn ieħor, tort tiegħu".
Dawn in-nies jgħidu hekk għax qatt forsi ma ppruvaw jifmhu x'wassal lil dak iż-żagħżugħ biex jieħu d-drogi, u kienu pronti jikkundannaw. Forsi huma stess għandhom xi vizzju aċċettat mis-soċjetà moderna, u materjalista.
Kif għidt qabel il-bniedem dejjem iġib xi skuża biex jiġġustifika l-azzjonijiet ħżiena tiegħu. Meta jidħol f'xi kriżi dejjem irid jitfa' t-tort fuq ħaddieħor, u l-istess jagħmel id-"drug addict". Għalkemm fil-programm tar-rijabilitazzjoni ma ntuhx il-għala li jużа din l-iskuża billi ngħidulu, "fl-aħħar mill-aħħar it-tort huwa dejjem tiegħek", ma niskludux li l-familja u/jew is-soċjetà ma tilgħabx parti fid-deċiżjonijiet ħżiena li jkun ħa d-"drug addict". Meta kont l-Irlanda kont iltqajt ma' żagħżugħ li dan dejjem kien jgħid li kien daħal fil-vizzju tad-droga minħabba missieru. Missieru kien sakranazz mill-kbar u bniedem vjolenti. Kull meta kien jidħol id-dar f'sakra ma jarax art kien jinfexx isawwat lill-mara u t-tmint itfal li kellu. Waqt li kien jirrakkonta dan id-"drug addict" urieni l-marki tas-swat li kellu f'wiċċu u fuq dahru li kienu xhieda ta' dak li kien għadda minnu meta kien żgħir. Meta qalli hekk kont pront u għidtlu, "Mela fil-familja kontu tmien drug addicts". "Le", qalli, "jiena biss qbadt il-vizzju, ħuti kollha telgħu sew bis-saħħa tat-trobbija ta' ommna".
Malajr induna fgax għidtlu. Dan iż-żagħżugħ tefà t-tort tal-vizzju tiegħu minħabba s-sitwazzjoni li kien

trabba fiha. Kien isib skuża tajba li jwaħħal f'missieru u b'hekk inaqqas it-tort minn fuq spallejh.
Forsi min kien jaf lil dan iż-żagħżugħ, u l-istorja tiegħu ma kienx jikkundannah iżda jitħassru u jikkumpatih. Min-naħa l-oħra la ħutu trabbew fl-iestess kundizzjonijiet, għaliex ma waqgħux fl-iestess vizzju? Il-waqgħa fil-vizzju tad-drogi, u l-problemi l-oħra li daħal fihom m'humiex tort tal-missier, iżda dak kollu li ġara waqt it-trobbija ta' dan iż-żagħżugħ ikkontribwixxa fil-ħajja li għażel jgħix.
F'Malta nsibu numru konsiderevoli ta' żgħażagħ li trabbew f'kundizzjonijiet simili, trabbew mićħuda mill-missier jew l-omm, jew mit-tnejn, u trabbew minn ħaddieħor f'familja mingħajr imħabba u għaldaqstant ma jafux x'inhi mħabba u fittxew din l-imħabba f'xi ħaġa artifiċjali bħal m'hi d-droga.
M'iniex ngħid li ż-żgħażagħ kollha li waqgħu fil-vizzju, jew il-maġġoranza tagħhom ġejjin minn familji mfarrka. Ħafna huma dawk li ġejjin minn familja normali.
Mela xi jġiegħel lil dawn iż-żgħażagħ li trabbew f'familja normali u forsi trabbew f'imħabba u għożża li jmorru għad-droga. F'familja normali tista' ssib fsied żejjed, sikkatura żejda, kritika, imħabba moħbija, protezzjoni żejda, preferenzi bejn l-aħwa, nuqqas ta' responsabbiltà fost it-tfal u possessività mill-ġenituri. Kemm żgħażagħ anke fi tfulithom ġew sfruttati u abbużati minn persuni u awtorità. Dawn id-difetti fit-trobbija, l-aġir tas-soċjetà u anke difetti oħra naturali li jkollu l-bniedem iħallu marka fil-karattru tiegħu, li mod jew ieħor irid jaħrabhom.
Meta persuna tidħol fiż-żmien ta' l-adoloxxenza biex turi li qed tikber u wkoll biex tħoss li qed tikber tibda tagħmel affarijiet li jagħmlu l-kbar. Fost affarijiet oħra artifiċjali li l-persuna timita lill-kbar hemm it-tipjip tat-tabakk u x-xorb ta' alkoħol, l-ewwel tip ta' droga. Il-persuna tibda tesperimenta t-tipjip u x-xorb bil-moħbi sakemm meta toħroġ fil-beraħ il-vizzju jkun forsi ġa daħal, speċjalment jekk in-nikotina tat-tabakk u l-alkohol ikunu tawh sodisfazzjoni u forsi għenuh jaħrab xi problema li kien jiffaċċja.
Ngħid għalija meta kont f'din il-fażi u kont bħal ħbiebi inpejjep xi sigaretti u nixrob xi flixkun birra, qatt ma tawni sodisfazzjon - bis-sigarett dejjem xraqt u l-birra kont inħossha morra ħafna, u għalhekk ma tajthomx importanza.
L-istess id-droga. Żagħżugħ jibda jpejjep il-ħaxixa, jew aħjar il-Canabis Sativa, jew għax ikun kurjuż dwar l-effett tagħha, jew biex jesperimenta, bħala avventura, jew għalkemm ikun beżgħan mill-effetti tagħha, jippruvaha biex ma jidhirx ikrah jew anqas minn sħabu. Mhux kull min jesperimenta d-droga meta jkun għadu żgħir jispiċċa bil-vizzju iżda dejjem huwa perikoluż għax kif wieħed jistà jinqabad fil-vizzju tat-tipjip tat-tabakk u xorb alkoħoliku jistà jidħol fil-vizzju tad-droga, speċjalment li l-effett tal-ħaxixa, jew aħjar l-effett tal-kimika tagħha, it-"Tetrahgħdrocannabinol" (THC) fuq il-moħħ tal-bniedem huwa aktar qawwi.
Meta wieħed jibda jpejjep il-ħaxixa jiġġustifika din l-azzjoni billi jgħid li l-ħaxixa ma tagħmilx ħsara, u li meta jrid jieqaf, u qatt ma hu se jispiċċa "junky". Hekk ukoll jiġġustifikaw lilhom infushom dawk li qabdu l-vizzju tat-tipjip tat-tabakk u min jixrob l-alkohol bla rażan.
L-effett tal-ħaxixa fuq il-moħħ jgħin biex il-persuna tbiddel il-burdata u ssibha komda biex taħrab minn ċerta inferjorità li forsi fkun inħolqot minn xi difetti naturali jew oħrajn li setgħu ġew iffirmati fil-karattru ta' l-istess persuna. Għalhekk iż-żagħżugħ jibda jħares lejn il-ħaxixa bħala xi ħaġa ta' fejda u mhux ta' qerda u b'hekk jibda jpejjipha kull meta jħoss il-bżonn tagħha, iżda bil-mod il-mod iżid sakemm jibda jpejjep regolari tant li l-ħaxixa ssir parti minnu.
F'ħafna każi l-ġisem tal-bniedem jidra l-effetti tal-ħaxixa u għalhekk il-"buzz" li kien jieħu fil-bidu jibda jonqos. Biex jerġà jsib dak il-"buzz" ta' qabel, id-"drug addict" waqt li jpejjep il-ħaxixa, jixrob xorb alkoħoliku, il-biċċa l-kbira nbid jew jieħdu pilloli mediċinali li jixtru mill-idejn jew jieħduhom mill-ħażna li jkollhom in-nanniet.
It-tipjip tal-ħaxixa ġieli joħloq ċerta monotonija, insigurta u paranojja, u għalhekk id-drogat ifittex droga oħra biex jerġà jibda jħossu "high". Meta l-bniedem jasal f'dan l-istat ikun ġa tilef ħafna mill-valuri, prestiġju u stima personali tiegħu, u ħoloq tensjoni fil-familja tiegħu.
Minn hawn tkun aktar faċli biex wieħed jaqleb mill ħaxixa għall-eroina. Malli wieħed jibda juħa l-eroina jibda billi "jiċċejsja" jew ipejjipha. Rari jibda jfaqqagħha fil-vina mill-ewwel. Hawn il-problemi fiżiċi, soċjali u finanzjarji jibdew jiżdiedu u b'hekk tidħol ukoll il-kriminalità. Biex wieħed iżomm vizzju ta' l-eroina irid ħafna flus u la ma jiġux bix-xogħol, iridu jiġu mis-serq, jew mill-bejgħ ta' drogi. Meta l-vizzju jidħol 'il ġewwa u l-persuna allura ssir "junky" tkun trid mal-Lm100 kuljum.
Dan l-artiklu forsi jagħti impressjoni li l-ġuvintur biss jabbużaw id-droga. Fil-fatt it-tfajliet ukoll jabbużaw id-drogi iżda r-rata tat-tfajliet hija ferm anqas. F'Malta bħal barra r-rata hija ta' madwar ħamsa fil-mija.
Hija normali li persuna tibda bil-ħaxixa (qabel ikun hemm it-tabakk u l-alkoħol) u pilloli mediċinali, u minn hemm tgħaddi għall-eroina filwaqt li fl-istess ħin jesperimenta LSD, Cocain, Extasy u forsi Crack. Rari tiltaqà ma' persuna li tibda mill-ewwel bl-eroina. Il-biċċa l-kbira ta' dawk li jibdew mill-ewwel fuq l-eroina huma t-tfajliet. Ir-raġuni hija li jibdew jinnamraw ma' xi ġuvnott li meta jsiru jafu li hu ddrogat l-imħabba tkun daħlet sewwa u ma jitilquhx għax jitħassruh. Il-Malti jgħid li jekk tagħmilha maz-zopp fi żmien sena ssir zopp bħalu. Kemm iddum din it-tfajla tara lin-namrat juża l-eroina, fl-aħħar taqà biex tippruvaha u tinqabad fil-vizzju. Meta l-vizzju jidħol 'il ġewwa jispiċċa dak il-"buzz" u kull pjaċir li kienu jieħdu fil-bidu. Il-vizzju jispiċċa f'kalvarju fejn il-bniedem jgħix biss għad-droga għax mingħajrha ma jħossux normali, jiġi fi stat li biha u mingħajrha dejjem iddisprat iżda biex jinfatam minnha jħossha mpossibbli.
Mhux id-drogat biss ikun għaddej minn ħafna problemi u tensjoni, miegħu jsofru l-familja tiegħu. Dawk ukoll jaqsmu miegħu l-imrar tal-vizzju, u wkoll iqisu lilhom infushom li daħlu fi sqaq dejjaq li minnu qatt ma jistgħu joħorġu.
Il-familja titfarrak u tkun trid l-għajnuna biex tiġi fuq saqajha u għall-familja l-Caritas taħsen ukoll bi programm apposta għaliha, fejn barra jieħdu s-sapport meħtieġ minn laqgħat ma' familji oħra, jitgħallmu kif jgħinu lill-membru drogat tal-familja tagħhom bit-tama li dan jinbidel minn drogat għal ċittadin normali.

# THEFTS IN HOTELS AND THEIR SECURITY

by Supt. Dr. Angelo Farrugia LL.D.



Having myself the pleasure of meeting quite frequently leading hotels and their managers during organized seminars on Neighbourhood watch for the North (where after all most big hotels are found) and also that having been responsable for this Northern Disctrict for these last two years where I investigated a lot of crime and safety measures connected to hotels, I thought it fit to suggest the following hints:

THEFTS

Although thefts from hotel rooms have in this last year in Malta decreased, yet I have realised that losses occur no matter how careful the 'hotels' are when it comes to hiring practices, and it's often difficult to determine whether thefts are by employed opportunist on the work of respectable, yet despicable guests. Some of the reported 'thefts' by guests, could also not be included as insurance fraud.

As far as the hotel employees are concerned, thefts by these same should also not be excluded. The hoteliers should keep in mind that before hiring or employing a new employee, they should always seek the reason(s) for the termination of their previous employment. Unfortunately, when the applicant/employee was in the previous employment suspected of illegal activities, such as theft or drug abuse, and then never prosecuted, than the former employer is legally unable to share with you such info., though the hoteliers should in any opinion, be able to offer a definate NO when asked: "Would you re-employ Mr. Farrugia?". If indeed the previous employer would not re-employ Mr. Farrugia, you (new employer) might (and probably should) let that influence your final decision.

EXAMPLES OF ABUSE BY EMPLOYEES OF HOTELS

A strict control programme should be introduced in every hotel especially in big hotels. Unattended and properly stored goods especially food and beverages products, liquor etc, find their way out of your hotel at your expense. Tom Alt, a corporate Vice President and director of security for Sheraton Hotels, rightly recommends "well monitored employee entrances where security personnel carefully check in and check out all packages" I personally find it an imperative to prevent your very own employee thefts! It is always worth-it to invest on these programmes of crime prevention in your own hotel, for after all it always pays.

WHITE COLLAR CRIME

Also white collar crimes in the hotels may range from simply providing complimentary accommodations for friends to the most serious complex computer crime involving false purchase orders, receivable forms, invoices, and payments - dummy corporations, if you like.



So to guard against computer crimes, a certain leading chain of hotels, introduced a system, where it allows no person to handle all levels of computer programming. Infact the programmer never operates the computer, thereby limiting the danger of any self serving access. Another prevention included the transferrals of programmers and operators of the computers used to different ones and also sometime, the hoteliers should call on computer experts to help prevent internal manipulation of and outside access.

CARDS AND TRAVELLERS CHEQUES

The hotel employees especially those at the desk should be properly trained in the ever increase of credit cards. The cashier should be a trained in credit card transactions. For example, clearly, if the amount of charge exceeds the floor limit provided by the card company authorisation must be requested to ensure guaranteed payment. It should also not be forgotten, that the signature on the charge slip must be checked against the signature on the card.

Travellers cheques are still to some extent largely used as a payment system and acceptance procedures should inevitably be brought to the attention of the cashier. One of the acceptance requirements is that travellers must be countersigned in their presence.

THEFTS AND CIVIL LIABILITIES

Certain thefts also could have easily be eliminated if not due to sheer negligence. Thefts of guest property can easily be avoided, as most cases involved money and valuable objects that can be placed in the hotel safe. One has to note here also that under the Maltese civil code, the hotel-keeper could incur substantial liability. According to section 1039 of Chap. 13, a hotel keeper shall be liable up to an amount not exceeding seventy liri for any damage to or destruction or loss of property brought to the hotel by any guest. However the liability of a hotel keeper shall be unlimited when he has refused to receive the deposit of property which he is bound or when even such damage destruction or loss of property has been caused, volontarily or through negligence or lack of skill even in a slight degree, by him or by a person in his employment or by any persons for whose actions he is responsable" more over the same law provides that the hotel keeper shall be bound to receive for safe custody securities, money and valuable articles.

I believe that if these basic pointers are carefully taken into consideration, then although reported crime in hotels cannot be made to disappear, yet it can be made to be contained. This means after all the better service, more profits to insurance companies and a healthier environment cleaner from the 'crime'.

# MERSEYSIDE PUBLICATIONS ON POLICE VEHICLES




*FIAT DUCATO*
*Transportation of Police Dogs*

## MERSEYSIDE POLICE PUBLICATION ON WORLD POLICE VEHICLES

In a special publication of 1993 by the Merseyside Police Authority and supported by the Vauxhall Motors Ltd. on the Police Vehicles of the World, two photographs of the vehicles used by the Malta Police Force were included in this professionally presented publication. This collection includes only 42 photographs from a cross section of all Forces around the world and range from vehicles, boats and even aircraft used to maintain Law and order throughout the world.

## MALTA POLICE

The Maltese vehicles chosen were the rescue land rover used by the S.A.G. in rescue operations and searches, and the FIAT Ducato van used by the Dog Section in the transportation of Police Dogs. Interesting to note is that this publication includes a warning under each country discussed for every photograph published which serve as a crime prevention. Under the Malta heading, the following important warnings have been put:

1. If you want to get your shopping home don't leave it in the car alone.
2. Be careful not careless.

## COVER OF PUBLICATION

The cover of this publication has the photographs of two police vehicles and a police helicopter in a background of fire and some grunery. The three photographs chosen, presumably as the best of the 42 for their reproduction in the very cover of this publication, include the Malta Police S.A.G. landrover used for rescue and operations and searches. The other two include the Vauxhall Sebator 3.CL.T. used by the Merseyside Police for Traffic Patrol duty and Incident response, and the Aerospatiale 'Squirrel' helicopter used by the Austrian Police as general traffic patrol duty, for rescue operations and occasionally in drugs surveillance operations.

## MALTA'S NAME

Certainly, this publication which by now is already in the hands of many fellow officers and citezens around the world, besides putting the MALTA POLICE name in a prominent place, should serve also for Malta's good name abroad. It is obviously a very good advert to Malta , the Police Force and the Maltese people.

The Editor




*LAND ROVER*
*Rescue Operations and Searches*

# BIEB IL-BELT TAL-BIRGU

minn ex. S.M. 282 Norris L. Spiteri

Meta fis-26 ta' Ottubru 1530 l-Ordni tal-Kavallieri ta' San Ġwann wasal Malta, il-kavallieri għażlu li jingabru ġewwa l-Birgu billi l-Imdina kienet il-bogħod ħafna mill-Port il-Kbir. F'dak iż-żmien il-Birgu billi l-Imdina kienet il-bogħod ħafna mill-Port il-Kbir. F'dak iż-żmien il-Birgu kien għadu bla swar u miftuħ għal kull attakk, u tista' tgħid li l-uniku post li kien xi ftit iffortifikat kien il-Kastell Sant'Anġlu. Bla telf ta' żmien huma bdew isewwu u jibnu palazzi u djar biex jilqgħu fihom lill-kavallieri u lin-nies Griegi li kienu ġew magħhom minn Rodi. Huma bdew idawwru bis-swar u bil-fossijiet dawk l-inħawi kollha tal-Birgu li jħarsu lejn Bormla, il-Kalkara u spiċċaw sa ħdejn il-Kastell Sant'Anġlu li jħares lejn il-bokka tal-Port il-Kbir.

Matul il-medda ta' dawn is-swar huma bnew tlett fortizzi ta' qawwa kbira. L-ewwel wieħed fost dawn it-tlieta huwa il-Forti ta' San Ġwann li qiegħed kif tidħol mill-bieb ewlieni tal-Birgu. It-torri għoli tiegħu li jissejjaħ kavallier kien bħala għassies tad-daħla ta' din il-belt. Aktar il-ġewwa nsibu l-Forti ta' San Ġakbu, li kien miżmum mill-Kavallieri ta' Aragona u li bil-kanuni tiegħu kien iħares lejn l-inħawi tal-Hawli u tal-Kalkara. L-aħħar iżda mhux l-anqas huwa l-Forti ta' Kastilja li kien ikopri l-Bajja tal-Kalkara. Dan hu l-aktar post għażiż għall-istorja ta' Malta, għax fuqu laqgħa l-aktar attakki ħorox ta' żmien l-Assedju l-Kbir. Eżatt wara l-Forti ta' San Ġakbu nsibu l-Armerija li probabbilment il-Kavallieri bnewha f'dan il-post biex f'każ ta' gwerra kienet tkun fil-qrib biex tissupplixxi bl-armi lis-suldati li jkunu stazzjonati fuq dawn is-swar. Fil-fatt dawn is-swar għaddew mill-prova tan-nar, il-għaliex fl-Assedju tal-1565 irresistew bil-qawwa kollha l-attakki feroċi tat-Torok, u b'hekk inkurunaw lil din il-Belt glorjuża bl-isem ta' "Citta VITTORIOSA".

Jekk wieħed kellu jżur din il-Belt antika jinduna li biex tidħol fiha kont trid tgħaddi minn tlett bibien wara xulxin, liema bibien għadhom iżommu dak ix-xebħ u għamla tal-qedem. Għalhekk bħala storja huma ta' fejda liema bħala, u niddubita jekk fid-dinja kollha hawnx belt oħra li biex kont tidħol fiha kont trid tgħaddi



*PS 53 J. Spiteri, PC 393 C. Balzan, PC 464 C. Buhagiar.*

minn tlett bibien b'sigurta' stretta bħal ma kienu dawn. Iżda mal-milja taż-żmien ġew imċarrta s-swar u saru toroq fuq pontijiet tal-ġebel li jagħtu għall-Bormla.

Il-bieb ewlieni tal-Birgu hu magħruf bħala "Porte Maggiore", dan il-bieb hu protett minn żewġ bibien oħra, "Porte D'Aragona" jew kif isejħulu fi żmien l-Ingliżi "Advanced Gate" u t-tielet wieħed iġib l-isem ta' "Couvre Porte". Dawn it-tlett bibien fl-antik kollha kellhom foss u pont quddiemhom.

L-ewwel bieb li niltaqgħu miegħu aħna u deħlin min-naħa ta' Bormla huwa "Advanced Gate" li fuq il-faċċata tiegħu hemm skolpita fil-ġebel skultura li turi armi u għodod tal-gwerra li kienu jintużaw f'dik l-epoka. Hemm ukoll minquxa fil-ġebel id-data ta' meta sar dan il-bieb b'ittri Rumani; 1727. Il-bieb oriġinali tal-injam mastizz li bih kienet tingħalaq din il-mina għadu mwaħħal f'postu sal-lum. Jingħad li d-disinn ta' din l-iskoltura kienet meħuda minn fuq waħda mill-arazzi li hemm fil-palazz tal-Granmastri.

Matul il-lejl dan il-bieb kien jinżamm magħluq, iżda f'xi każ ta' bżonn kienu joħorġu 'l barra mis-sur billi jgħaddu minn passaġġ sigriet li hemm fis-sur u li jiżbokka 'l barra fil-foss. Kif tidħol minn dan il-bieb issib wesgħa kbira li madwarha hemm bini antik b'żewġ sulari nkorporat fl-istess bini tas-sur. Dan il-post hu magħruf bħala il-"POSTA TA' ARAGONA". Biex tmur fis-sular ta' fuq titla' minn taraġ miftuħ, maħdum bil-ġebel taż-żonqor. F'dan is-sular kienu jgħixu



*"Couvre Porte"*

s-suldati jew membri tal-Pulizija. Fuq is-sur li hu il-bejt ta' dan il-bini hemm trunċieri u żewġ posti tal-kanuni li jħarsu lejn in-naħa ta' l-Isla u Bormla. Dan l-aħħar f'dawn iż-żewġ postijiet poġġew żewġ kanuni tal-ħadid li fuqhom hemm l-arma ta' Venezja, iljun bis-sejf f'idu. Fis-sular t'isfel hemm kmamar u mħażen li f'dak iż-żmien kienu jintużaw bħala stalel, uffiċini, imħażen lu kien hemm ukoll ċelel fejn iżommu xi nies kalzrati. Fin-nofs ta' din l-ispeċi ta' bitħa hemm ġiebja li timtela bl-ilma tax-xita li tinżel minn fuq pont tal-ġebel u ssib it-tieni bieb "COUVRE PORTE" kelma li bil-Malti tfisser bieb għall-mistkenn, il-għaliex jaħbi għal kollox il-bieb ewlieni mill-għajnejn tal-għadu. Fuq dan il-bieb insibu d-data MDCCXX111 (1723). Jidher illi l-arma tal-ġebel li kien hemm fuq dan il-bieb kif ukoll dik li kien hemm fuq il-bieb ewlieni kienu nqalgħu minn posthom fi żmien l-imblokk tal-Franċiżi. Dan il-bieb qiegħed fuq foss il-ġmiel tiegħu, foss wiesgħa u għammieq li jdawwar is-swar mill-Birgu sal-Kalkara. Dan il-foss hu magħruf min-nies ta' dawk l-inħawi bħala l-foss il-kbir.

It-tielet bieb huwa propju il-bieb ewlieni tal-Birgu "PORTA MAGGIORE". Quddiem dan il-bieb hemm il-posta ta' Franza li tikkonsisti f'bini nkorporat fis-swar, fejn hemm imħażen li fihom kienu jżommu l-munizzjon tal-gwerra. Hemm taraġ baxx tal-ġebel tal-franka li minnu titla' fuq is-sur fejn hemm trunċiera u żewġ lamberzuni fejn riċentament poġġew fihom żewġ kanuni tal-ħadid antiki jħarsu lejn l-Isla.

Minbarra dawn il-bibien li qed insemmi wieħed kien jista' jidħol f'din il-belt permezz ta' passaġġi sigrieti li jeżistu taħt l-art minn barra is-swar. Dawn is-sotterani huma mibnija bit-troll u b'sengħa kbira, u minħabba l-fatt li dawn qegħdin taħt l-art baqgħu f'kundizzjoni tajba ħafna.
Fuq ill-gwarniċun ta' Porte Maggiore tinsab kitba bil-Latin li bil-Malti tgħid hekk:

"INT JA MULEJ, ĦARISTNI FIL-JUM TAT-TAQBID"
Ta' din il-belt tar-reliġjon Gerosolmitana
l-ewwel refuġju u għamara,
Fis-sena 1565 imħabbta mill-kbir eżerċitu Tork.
U bil-għajnuna t'Alla għad-difiża li għamlet
ftaħret bl-isem ta' "VITTORIOSA."
is-swar bin-nirien tal-għadu mħarrbta u bit-tul taż-żmien ukoll maħduma,
żmien is-saltna tal-Viġilantissmu
GRAN MASTRU D. ANTON MANOEL De VILHENA
twaqqfu mill-ġdid u żdiedu fis-sena 1727

Kif jidher minn din l-iskrizzjoni l-Gran Mastru DeVilhena fl-1727 kien ħa ħsieb iwaqqaf mill-ġdid u żied xi bini f'dan il-monument storiku.



*Porta Maggiore*

Hekk ukoll għamel Sir Herry Luke meta xi ftit taż-żmien qabel it-tieni gwerra dinjija fuq l-insistenza tal-Kanoniku Dun Gianmari Farrugia li kien studjuż ta' l-istorja tal-Birgu kien ħa ħsieb biex irrestawra l-iskultura li hemm fuq dawn il-bibien. Jidher ċar li din l-iskultura issa reġa' għandha bżonn dawra sewwa.

Fuq in-naħa ta' ġewwa ta' dawn il-mini hemm niċeċ bi xbiehat sagri b'xi fanal dejjem jixgħel quddiemhom, biex min jidħol jew joħroġ minn din il-belt jgħid xi talba żgħira. Taħt il-mina ta' Porta Maggiore hemm irħama mall-ħajt b'kitba bit-Taljan li skond kif qrajt jien tgħid xi ħaġa hekk:

"S.E. RMO. F. GAETANO PACE FORNO, CONCEDE INDUL DI GIORNI 40 AI RECITANTI DI UN SALVE DINANZI QUESTA S. IMMAGINE DIN. S. ADDOLORATA IL-18 MARZO 1871".
Taħt il-mina ta' Advanced Gate hemm ukoll irħama mall-ħajt li tgħid hekk; "CHIUNQUE QUESTA SS IMMAGINE RECITA UN CREDO ACQUISTA QUARANTA GIORNI D'INDULGENZA CONCESSE DALL ILLMO. E RMO. MONS. ARCIVESCOVO FRA FERDINANDO MATTEI."

Fil-bidu dawn il-bibien kienu f'idejn il-Kavallieri li kienu jżommu kontroll fuq id-dħul u l-ħruġ minn din il-belt. Meta mbagħad f'Malta ġew l-Ingliżi dan il-post waqa' f'idejn il-militar u kien immanjat mis-suldati. Wara xi żmien kienu neħħew is-suldati u flokhom ġabu l-Għassa tal-Pulizija biex il-membri ta' dan il-korp setgħu jindukraw dawn l-inħawi. F'dawn il-kwartieri l-Pulizija kellhom kollox miżmum sewwa, kien hemm uffiċini, dormitorji, ċelel fejn iżommu l-arrestati. Kien hemm ukoll kappella l-ġmiel tagħha. F'din il-kappella kien hemm statwa tad-duluri, li fil-preżent tinstab fil-kappella tad-Depot tal-Pulizija l-Furjana. F'din l-Għassa kien hemm ukoll xelter imħaffer fil-blat, li kellu bokka li tidħol għaliha mill-Għassa stess u kellu bokka oħra fil-Foss il-kbir. Fi żmien il-gwerra dan ix-xelter kien ir-refuġju ta' ħafna nies li kienu jieħdu kenn waqt l-attakki mill-ajru. Niftakar li meta kien sar l-attakk qawwi fuq l-airċraftċarrier H.M.S. "ILLUSTRIOUS" Jien li kont għadni tifel ta' xi 12 il-sena, kont f'dan ix-xelter mall-familja tiegħi. Dan kien wieħed mill-attakki ħorox tal-Ġermaniżi, il-bombi bdew jaqgħu fil-viċin ħafna. ma kull splużżjoni bdew deħlin fix-xelter sriep tan-nar u riħ sħun tal-blast. F'daqqa waħda nħossu splużżjoni qawwija ħafna li donnu l-blast ried jinqasam, ix-xelter imtela b'riħa ta' porvli mħallat mat-trab tal-bini mwaqqa. Kif spiċċa dan l-attakk u ħriġna barra, sibna li l-Għassa kienet qalgħet "direct hit". Dak inhar il-Cottonera u t-Tarzna saru ħerba, u ħlief bini mwaqqa' u nies imwerwrin jiġru 'l hawn u 'l hinn ma' kontx tara.

Meta kienu neħħew l-Għassa tal-Pulizija minn hawn u ħaduha lejn is-suq ta' Bormla, il-post kien sar żdingat u l-vandali kienu għamlu ħerba sħiħa minnu. B'xorti tajba dan il-post issa qiegħed f'idejn is-sezzjoni tal-ambjent tad-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni fejn fih qed isir xogħol ta' tiswija u restawr. Prosit għal dawn il-ħaddiema li veru qed jagħmlu xogħol tajjeb. Fil-preżent dan il-post qed ikun iffrekwentat mit-turisti kif ukoll mill-Maltin.



Il-Kappella tal-Qalb ta' ġesu f'Għassa l-antika - Birgu 1923.

# SUZUKI




SUZUKI

With Suzuki Outboards from the gutsy **2hp** to the awesome **140hp**, we have the outboards to fill any boating need. Stop by and check out the features and leave the competition in our wake.

*Albatross Boats*

Available in Stock.

As ever the best priced outboard motors in Malta.

SEE THEM AT THE BOAT FAIR, NAXXAR

ZARB STORES LIMITED 1970

**Zarb Stores Limited**
New Street, Luqa. Tel: 665686
Open from: 8.30 a.m. to 12.30 p.m., 2.00 p.m. to 5.45 p.m.
Saturday: 8.30 a.m. to 12.00 p.m.

# GRISCTI'S EMBROIDERIES LTD.

11, REPUBLIC STREET,
VALLETTA, VLT 04, MALTA.

**FOR ALL KINDS OF HAND AND MACHINE EMBROIDERIES AND UNIFORM HEADWEAR**

TEL: 246826 - FAX: (+356) 239249

GATT

# GATT BROTHERS (MOSTA) LIMITED

## GENERAL BUILDING CONTRACTORS

**MOSTA BYPASS, MOSTA, MALTA**

Telephone: 432222, 410111
Fax: 412299

# RIOTS OF THE 7TH & 8TH JUNE PART II

by Mr. A. Mifsud Tommasi L.P. B.A. Educ. Commandant Police Academy

Following the reported extracts of the original reports carried out by the Commission appointed to inquire into the events of the 7th June and 8th June 1919, and which events for the 7th June were published in this magazine in the November/December 1993 issue, the following extracts are the original reports for the 8th June 1919. Although those riots have commonly been knownas the "Sette Giugno'r riots, yet there were also riots the following day on the 8th June. These extracts were prepared for this publication by the Commandment Police Academy, Mr. A. Mifsud Tommasi.

EVENTS OF THE 8TH JUNE 1919

At 9.25am the Acting Governor gave orders for 300 men of the Royal Malta Artillery to be brought from Verdala to Lascaris Barracks. At 10.25am orders were given for 100 marines and seamen to land at the Custom house and for another party of 200 to stand by on H.M.S. Egmont. At 10.55am all available men of the Malta Composite Battalion were ordered to the Castille. At 11.05am a party of one officer and 25 other ranks of the Malta Composite Battalion were ordered to the Palace, and at 11.30am 100 seamen were sent to Sliema. Captain A.Agius with a detachment of two non-commissioned officers and 26 men of the King's Own Malta Regiment of Millitia relieved a party of the Malta Composite Battalion at the Main Guard.

